# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.D.**

**Appell Nru: 694/2015**

**Il-Pulizja**

**vs**

**Christopher Schembri**

**Omissis**

**Omissis**

**<u>Illum 17 ta' Gunju, 2025</u>**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, **Christopher Schembri** detenur tal-karta tal-identita' Maltija **556983M**, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Christopher Schembri fil-kapacità tieghu ta'personali u/jew bhala direttur tal-kumpanija World Plastering Limited, u Ahmed Ali u Fahed Ajjan talli fil-kapacità taghhom personali u/jew bhala persuni li jhaddmu talli fl-1 ta'Awwissu, 2014 matul il-gurnata, f'Vincenzo Borg Brared Boys' Secondary School, Ta' Paris/Birkirkara b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl'arti jew fil-professjoni taghhom jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti ikkaguaw il-mewt ta' Kasim Ibrahim u dan ai termini tal-Art. 225 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuni li jhaddmu naqsu milli jharsu is-sahha u sigurtà ta' l-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistghu jigu affetwatibix-xoghol, li jkun qed isir u dan billi naqsu milli jiehdu l-passi necessarji kollha sabiex jigi evitati dannu fiziku,korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol u dan ai termini ta' l-artikoli 6 (1)(2) tal-Att 27/2000 Kap 424;

3. Talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuni li jhaddmu, naqsu li jaghmlu, jew li jizguraw li ssir, evalwazzjoni xierqa, sufficenti u sistematika tal-perikli ghas-sahha u s-sigurtà kollha li jistghu jkunu prezenti fuq il-post tax-xoghol u r-riskji li jirrizultaw li jikkoncernaw l-aspetti kollha tal-attvitià tax-xoghol. Dawn l-evalwazzjonijiet ghandhom jikkunsdiraw ir-riskji ghas-sahha u s-sigurtà tal-haddiema u tal-persuni li jahdmu ghal rashom li ghalihom ikunu esposti waqt ix-xoghol, inkluz dawk li jzuru l-post tax-xoghol, liema riskji jirrizultaw mix-xoghol inwettaq, jew in konnessjoni mieghu, jew mit-tmexxija tal-impriza u dan ai termini ta' l-artikolu 10 (1) tal-A.L. 36/03 (S.L. 424.18);

4. Talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhalma hu fid-dmir ta' persuni li jhaddmu naqsu milli jaghtu nformazzjoni li tinftiehem u relevanti lill-haddiema u lir-rapprezentanti taghhom dawr ir-riskji ghas-sahha u s-sigurtà li huma maghrufa minn min ihaddem u li huma prezenti fil-post tax-xoghol in generali, kif ukoll fejn jidhol kull stazzjon tax-xoghol individwali, u fejn jidhol xi tip ta' xoghol jew attività ta' xoghol asenjata, il-mizuri preventivi u protettivi mehtiega fejn jidhlu rriskji kollha identifikati u l-proceduri li ghandhom ikunu segwiti fil-kaz ta' periklu serju u imminenti prezenti fuq ix-xoghol, inkluz dwar l-evakwazzjoni tal-haddiema, dan ai termini ta' l-artikolu 12 tal-A.L. 36/03 (S.L. 424.18);

5. Talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuni li jhaddmu naqsu milli jizguraw li kull haddiem jircievi tahrig adegwat fuq is-sahha u s-sigurtà, partikolarment fil-forma ta' informazzjoni u istruzzjonjiet specifici ghall-

istazzjon tax-xoghol u ghax-xoghol assenjat fil-mument ta' l-ingagg, fil-kaz ta' trasferiment jew bidla fit-tip ta' xoghol, fil-kaz ta' introduzzjoni ta' taghmir tax-xoghol gdid jew bidla fit-taghmir, ma' l-introduzzjoni ta' xi teknologija gdida u mal-introduzzjoni ta' prassi tax-xoghol gdida u dan ai termini tal-artikolu 14 ta' l-A.L. 36/03 (S.L. 424.18);

6. Talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuni li jhaddmu, naqsu li jiehdu l-mizuri necessarji sabiex waqghat mill-gholi jkunu fizikament evitati partikolarment permezz ta' bennieni solidi li jkunu gholjin bizzejjed u jkollhom ta' l-anqas bord tat-tarf, poggaman ewlieni u poggaman intermedju jew alternattiva ekwivalenti. Naqsu wkoll li jizguraw li x-xoghol fl-gholi jitwettaq biss b'apparat specjali jew bl-uzu ta' l-apparat ta' protezzjoni kollettiv bhal ma huma l-bennieni, il-pjattaformi jew ix-xbieki tas-sigurtà. Fejn l-uzu ta' tali apparat ma jkunx possibli minhabba n-natura tax-xoghol, ghandhom ikunu pprovduti u ghandhom jintuzaw mezzi adatti ta' l-access u arnessi ta' sigurtà jew metodi ta' ankragg ohra ta' sigurtà. Naqsu wkoll Ii jizguraw li poggamani ta' protezzjoni jitpoggew madwar trombi u turgien u dan ai termini ta' Reg. 5 tal-Iskeda IV (parti B, Sezzjoni II) tal-A.L. 281/2004 (S.L. 424.29);

7. Talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi ghamlu uzu minn 'scaffold' li ma kienx ippjanat jew mibni sewwa, tali li l-haddiema jkunu protetti, u wzati b'tali mod li jkun evitati li nies jaqghu jew li jkunu esposti ghal waqghat, jew ikun esposizzjoni ghal waqghat ta' oggetti fost affarijiet ohra u dan skond il-bzonnijiet minimi u specific ghal postijiet tax-xoghol kif stipulat fi Skeda IV (Taqsima B, Sezzjoni II) artikoli 6.1 u 6.2 fl-A.L. 281/04 (S.L. 424.29);

8. Akkuzati wkoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi naqsu milli jiehdu in konsiderazzjoni d-direzzjonijiet mis-supervisor tal-progett dwar dak li ghandu x'jaqsam mas-sahha u sigurtà u dan ai termini ta' artikolu 8 (b) ta' A.L. 281/04 (S.L. 424.29);

9. Akkuzati wkoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi fil-kapacità taghkom ta' persuni li jhaddmu li jizguraw li kull taghmir protettiv personali jkun ihares id-dispozizzjonijiet specifikata fi Skeda 2 ta' l-Ordni u jizguraw li fejn hemm il-presenza ta' aktar minn riskju wiehed tehtieg li haddiem jilbes fl-istess hin aktar minn oggett wiehed ta' taghmir protettiv personali, dak l-apparat ikun kumpatibbli u li jibqa' jkun effettiv kontra r-riskju jew riskji involuti. Naqsu wkoll li jistabilixxu l-kundizjonijiet ta' uzu ta' taghmir protettiv personali, b'mod partikolari ghal kemm hin ghandu jintlibes, skond il-bazi tas-serjetà tar-riskju, il-frekwenza ta' kemm bniedem ikun espost ghar-riskju, il-karatteristici tal-post tax-xoghol ta' kull haddiem u l-operazzjoni tat-taghmir protettiv personali u jizguraw ukoll li jekk ic-cirkostanzi jehtiegu li taghmir protettiv personali jintlibes minn aktar minn persuna wahda jiehdu l-mizuri kollha xierqa sabiex jizguraw li dan l-uzu ma johloq ebda problema ta' sahha jew igjene ghall-utenti differenti. Naqsu li jizguraw li dan it-taghmir jinghata minghajr ebda hlas minn min ihaddem u jizguraw li dan it-taghmir ikun jiffunzjona tajjeb u jkun f'kundizzjoni igjenika tajba permezz tal-manutenzjoni, it-tiswija u t-tibdil ta' bicciet mehtiega. Naqsu milli jaraw li qabel haddiem juza taghmir protettiv personali javzawh dwar ir-riskji li t-taghmir ikun qed iharsu kontrihom. Naqsu wkoll li jizguraw li jigi kkonsultat ir-Rapprezentant ghas-Sahha u s-Sigurtà tal-Haddiema u dan ai termini tal-artikoli 4, 5, 6, 7, 8, 10 (1)(2), 11 u 17 tal-A.L. 121/03 (S.L. 424.21);

10. Akkuzati wkoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi naqsu milli jaraw li stallazzjonijiet ikunu ddisinjati, mibnija u wzat b'tali mod li ma jipprezentaw ebda periklu ta' nar jew esplozjoni u l-persuni ghandhom ikunu protetti adegwatament kontra r-riskju ta' xokkijiet kkawzati minn kuntatt dirett jew indirett u dan ai termini ta' artiklu 2.1, Skeda IV (parti A) ta' l-A.L. 281/2004 (S.L. 424/29);

11. Akkuzati wkoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuni li jhaddmu naqsu milli jakkwistaw u/jew juzaw u/jew jippermettu li jintuza

apparat tax-xoghol li, jkun jaqbel mal-bzonnijiet minimi stipulati fl-Iskeda u dan ai termini ta' artiklu 4 (2) tal-A.L. 281/2004 (S.L. 424.29);

12. Akkuzati wkoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuni li jhaddmu naqsu milli jizguraw li fejn is-sigurtà ta' l-apparat tax-xoghol tkun tiddependi fuq il-kondizzjonijiet ta' l-istallazzjoni, dak it-taghmir ghandu jkun soggett ghal ispezzjoni tal-bidu u ghal spezzjoni wara l-assemblagg f'post gdid minn persuni kompetenti, biex ikun zgurat li l-apparat tax-xoghol ikun gie stallat sew u jkun qed jahdem sew. Naqsu milli jizguraw li apparat tax-xogholn espost ghall-kondizzjonijiet li jikkawzaw deterjorament u li jista' jwassal ghal sitwazzjonijiet ta' periklu, isirulu spezzjonijiet perjodici u, meta jkun adatt, testijiet minn persuni kompetenti, spezzjonijiet specjali minn persuni kompetenti kull darba li jsehhu cirkostanzi eccezzjonali li jistghu jipperikolaw is-sigurtà tal-apparat tax-xoghol, bhal xoghol ta' modifika, incidenti, fenomeni naturali jew perijodi twal ta' inattività, sabiex ikun zgurat li jinzammu kondizzjonijiet tas-sahha u s-sigurtà u li d-deterjorazzjoni tkun tista' tinkixef u tigi rimedjata fil-pront u dan ai termini tal-artikolu 5 (1)(2)(3)(4) u (5) ta' A.L. 281/2004 (S.L. 424.29);

13. Akkuzati wkoll talli fl-istess zminijet, lok u cirkostanzi bhala persuni li thaddmu naqsu li jiehdu l-mizuri mehtiega biex jizguraw li l-haddiema jkollhom ghad-disposizzjoni taghhom informazzjoni adegwata u, meta jkun mehtieg, istruzzjonijiet bil-miktub dwar l-apparat tax-xoghol li jintuza f'xoghlhom u dan ai termini ta' l-artikolu 8 tal-A.L. 281/2004 (S.L.424.29);
14. Akkuzati wkoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuni li jhaddmu naqsu milli jiehdu l-mizuri kollha mehtiega biex jizguraw li dawk il-haddiema li jinghataw l-inkarigu li juzaw apparat tax-xoghol, jinghataw tahrig adegwat inkluz tahrig dwar kull riskju li dak l-uzu jista' jkun jinvolvi u dan ai termini ta' l-artikolu 9 tal-A.L. 281/2004 (S.L. 424.29);
15. Akkuzati wkoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuni li jhaddmu naqsu milli jipprovdu access ta' malajr ghall-ewwel ghajnuna meta

din tkun mehtiega billi jipprovdu taghmir u facilitajiet li jkunu adegwati u adatti fic-cirkostanzi u li jinkludu kaxxa ghall-ewwel ghajnuna. Naqsu wkoll li jipprovdu facilitajiet ghall-ewwel ghajnuna meta l-impjegati jintbaghtu jahdmu barra mill-post normali tax-xoghol principali taghhom u dan ai termini ta' l-artikoli 4(1)(2)(3)(4) u 7 tal-A.L. 11/2002 (S.L. 424.13).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ( Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar id-9 ta' Dicembru 2024, wara li rat l-Artikoli 17 u 225(1) tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 12 u 14 tal-Kapitolu 646 tal-Ligijiet ta' Malta (gia 6 u 38 tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta), l-Artikoli 4, 7 u 14 tal-Ligi Sussidjarja 646.06 (gia Ligi Sussidjarja 424.13), l-Artikoli 4, 5, 6, 10, 12 u 14 tal-Ligi Sussidjarja 646.11 (gia Ligi Sussidjarja 424.18), kif ukoll l-Artikoli 4, 5, 6, 7, 8, 10, 11 u 17 tal-Ligi Sussidjarja 646.13 (gia Ligi Sussidjarja 424.21) u dan stante li d-dispozizzjonijiet marbutin mal-Kapitolu 646 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu kkunsidrati bhala komprizi fir-reat kif kontemplat taht il-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant Christopher Schembri hati tal-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4), il-hames (5), id-disa' (9) u l-hmistax (15)-il akkuza dedotti fil-konfront tieghu u kkundannatu ghal-multa ta' ghaxart elef ewro (€10,000) filwaqt illi astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-bqija tal-akkuzi. L-ewwel Qorti ma sabitx lill-imputati Ahmed Ali u Fahed Ajjan hatja stante nuqqas ta' provi. In oltrè, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lill-appellant Christopher Schembri jhallas l-ammont ta' elf ewro (€1,000) rapprezentanti parti mill-ispejjez peritali naxxenti minn din il-kawza.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Christopher Schembri, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- **TIDDIKJARAH** mhux hati taghhom u b'hekk **TILLIBERAH** minn kull imputazzjoni, htija u piena; sussidjarjament u fil-kaz illi din il-Qorti jidhrilha li ghandha ssib htija, **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi.

**L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

Ghall-habta ta' nofsinhar, nhar l-1 ta' Awwissu 2014, il- Pulizija tad-distrett ta' Birkirkara gew infurmati mill-Control Room tal-pulizija li kien hemm bzonn l-assistenza fl-iskola ta' Paris, Birkirkara peress illi kienet waqghet persuna. Il-pulizija tad-distrett marru immedjatament gewwa Triq Paris fl-iskola Vincenzo Borg Brared, Birkirkara fejn sabu l- ambulanza bit-team paramediku jagħtu l-ewwel ghajnuna lill-persuna maskili li kien waqa' gholi ta' madwar tlett sulari waqt li kien qieghed jaghmel xoghol ta' kisi. Minn stharrig li sar irrizulta li l-vittma huwa guvni ta' 18-il sena Ibrahim Kasim, imwieled is-Sirja fl-10 ta' Jannar 1996, iben Turia u Abdullah, residenti gewwa Alfcons Crt, Fl 1, Triq Dun Guzepp Calleja, Tarxien u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 116235A.

Illi minn aktar stharrig li sar, irrizulta li Ibrahim kien qieghed jaghmel xoghol ta' kisi fuq tavlun li kien marbut b'habel u ghal xi raguni ceda l-habel bil-konsegwenza li Ibrahim waqa' minn fuq l-imsemmi tavlun. Huwa kien qieghed fil-prezenza ta' persuna barranija. Fuq il-post kien hemm ukoll diversi haddiema mqassma jaghmlu xogholijiet ohra pero dawn kienu mqassma f'diversi partijiet gewwa l-imsemmija skola. Ix- xoghol kien mmexxi mill- fundazzjoni FTS (Foundation for Tomorrow's Schools).

Illi ghall-habta tas-13:40hrs il-pulizija gew infurmati li Ibrahim kien miet gewwa l-isptar minhabba griehi gravi li garrab. Gew infurmati membri mill-OHSA li marru fuq il-post. Prezenti, wara l-incident kien hemm ukoll il-Perit tal-FTS Victor Bonavia, Joseph Gili konsulent tal-FTS rigwardanti sigurta’ fuq il-post tax-xoghol, Christopher Schembri kuntrattur u Ali Ahmed xoghol fuq kuntratt subordinat u Ajjan Fahed bhala foreman ma' Ali Ahmed.

L-Ispettur tal-Pulizija Priscilla Caruana infurmat lill-Magistrat inkwerenti sabiex tinfetah inkjesta. Il-Magistrat inkwerenti ordna li jsir access fuq il-post mill-Ispettur,

kif ukoll inhatru diversi esperti, fosthom Prof Marie Therese Camilleri, Dr S. Ali, Perit Robert Musumeci, Dr Mario Scerri u Scene of Crime Officer PS 385 Emanuel Dalli.

**Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

Illi l-appellant ser ikun qieghed jinterponi dan l-umli appell fuq dawn il-punti u cioe:

1. Illi, preliminarjament umilment jiġi sottomess lill-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi prodotti quddiemha u tal-Ligi applikabbli, stante lill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni kienu jaqgħu 'il bogħod mill-grad rikjest mill-Liġi u ghalhekk ma setgħet qatt ikollha livell ta' prova sal-konvinċiment morali tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant;

2. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, il- piena erogata fil-konfront tal-appellant hija waħda eċċessiva;

3. Salv aggravji ohra li jistghu jigu trattati oralment.

**A. Apprezzament zbaljat tal-Provi Prodotti;**

**1) Principji Generali**

Illi mingħajr preġudizzju ghas-suespost jiġi umilment sottomess bid-dovut rispett illi, l-Ewwel Onorabbli Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi miġjuba quddiemha stante illi kien hemm diversi punti illi l-Ewwel Qorti għażlet illi jew tinjorahom jew ma temminihomx jew inkella tassumihom mingħajr ebda prova.

Illi preliminarjament jibda biex jingħad illi l-appellant ma għandu għalfejn jipprova xejn jew iressaq xi prova sabiex jipprova l-innoċenza tiegħu, filwaqt illi kif tiddetta l-Liġi, hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi

lill-Qorti li l-akkużi addebitati lill-imputat huma veri w dan għaliex kif jgħid il-Manzini fil-ktieb tiegħu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit."*

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet konfliġġenti, għandha tillibera, stante li tali konflitt għandu jmur a benefiċċju tal-imputat. Pero' huwa veru wkoll kif ġie deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997, fil-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker:

> *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

F'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Diċembru, 1997 fil-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija v Peter Ebejer, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubbji dettati mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis ċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

L-obbligu li tipprova l-ħtija tal-akkużati irid ikun assolut, oltre kull dubju dettat mir-raġuni u f'każ li jkun hemm xi dubju raġonevoli, il- Prosekuzzjoni tiġi kunsidrata li ma ppruvatx il-każ tagħha ta' ħtija u għalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera. Illi fl-umli fehma tal-appellant, u dan anke kif spjegat aktar fid-dettall f'dan ir-rikors, il-Prosekuzzjoni naqset illi tipprova l-kaz taghha lil hinn min kull dubju dettat mir-

raguni, u ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha tillibera lil appellant anke fuq nuqqas ta' provi.

**2) Apprezzament zbaljat tal-Provi Prodotti**

**a. <u>M'hemm ebda prova li l-vittma kien imhaddem mill-appellant jew mis-socjeta' World Plastering Ltd, izda hemm provi li juru mod iehor, liema provi naqset milli tikkunsidrahom l-Ewwel Qorti.</u>**

Illi permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti meta kienet qed tikkunsidra c-cirkostanzi tal-kaz u jekk kienx hemm htija tal-imputati migjuba quddiema, il-Qorti kkunsidrat hekk:

> *"Illi huwa car li r-regola generali hija li* ***l-Prosekuzzjoni ghandha tressaq bizzejjed provi sabiex tikkonvinci lil din il-Qorti li hemm ezistenti ness bejn in-nuqqas da parti tal-imputati qua persuni li jhaddmu****, li jzommu l-haddiema taghhom 'il boghod minn kwalunkwe periklu fuq il-post tax-xoghol.*
>
> *.......*
>
> *Illi din il-Qorti trid tqis id-dinamika ta' din l-operazzjoni ta' xoghol. Hareg bic-car li l-imputat Christopher Schembri huwa d- direttur tal-socjetà World Plastering Limited liema socjetà akkwistat it-tender minghand il-klijent il-Fondazzjoni tal-Iskejjel t'Ghada sabiex tiffinalizza xoghlijiet fis-sit fejn sehh l-allegat incident. <u>Hag'ohra li harget mill-provi hija l-fatt li ma kien hemm xejn x'jindika li l-vittma kien impjegat tal-imputati Ahmed Ali u Fahed Ajjan u l-provi prodotti huma monki minn dan in-ness bejn dawn it-tnejn u l-vittma. Kulma hareg mill-provi huwa li dawn it- tnejn kienu prezenti fuq il-post meta gara l-incident fatali u xejn aktar. Illi minkejja li gie allegat minn diversi xhieda li l-akkuzat Christopher Schembri qabbad lil Ahmed Ali u Fahed Ajjan bhala sub-kuntratturi dan ma harigx mill-provi prodotti mill- prosekuzzjoni.</u> Di più referenza qieghda ssir ghax-xhieda*

*moghtija minn Joseph Saliba li kkonferma li l-ebda mill-partijiet ghajr ghal Christopher Schembri ma tela' fis-sistema tal-istorja tal-impjieg. Illi qatt ma gie kkontestat mid-difiza però li l-vittma kien qieghed jahdem fuq is-sit ta' kostruzzjoni u ghalhekk iregi li l-istess vittma kien fl-impjieg mal-kuntrattur Christopher Schembri."*

Illi l-appellant ma jaqbel xejn mal-gharbiel ta' provi maghmul mill-Ewwel Qorti u r-ragunament applikat u dan stante li fl-umli fehma tal-appellant, dak li ntqal mix-xhieda taht gurmament huwa wkoll prova li kellha tigi kkunsidrata mill-Qorti b'rabta ma' min verament kien qieghed ihaddem lill-vittma Ibrahim Kasim. Illi ghalkemm l-appellant ma jaqbel xejn ma' din il-kunsiderazzjoni, l-Ewwel Qorti qalet illi "Hag'ohra li harget mill-provi hija l-fatt li ma kien hemm xejn x'jindika li l-vittma kien impjegat tal-imputati Ahmed Ali u Fahed Ajjan u l-provi prodotti huma monki minn dan in-ness bejn dawn it-tnejn u l-vittma." **Illi jekk xejn, bl-istess ragunament, ma kien hemm ebda provi li l-vittma kien impjegat mill-appellant Christopher Schembri.** Illi ghalhekk l-Ewwel Qorti ma kellhiex tirraguna "by elimination" ghaliex kien hemm nuqqas ta' provi fil-konfront taz-zewg imputati l-ohrajn, mela awtomatikament il-vittma kien impjegat jew ingaggat mill-appellant.

Illi l-appellant jirrileva li ghalkemm permezz tad-digriet moghti fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Marzu 2023 il-Qorti, fuq talba tad-difiza, ddikjarat li sejra tiskarta x-xhieda ta' Clinton Cachia ghal dak li jirrigwardja d- dikjarazzjonijiet maghmula fil-konfront tal-imputati Ahmed Ali u Christopher Schembri u skartat ukoll ix-xhieda moghtija lill-espert nominat fl-inkjesta Dr Robert Musumeci ta' Christopher Schembri, Ahmed Ali u Ajjan Fahed u kwalunkwe konkluzjoni raggunta minn tali xhieda, xorta wahda kien hemm partijiet mix-xhieda ta' Clinton Cachia li huma applikabbli, kif ukoll xhieda ohrajn illi kkonfermaw li kienu jafu bir-relazzjoni li kien hemm bejn Christopher Schembri u Ahmed Ali, bhala kuntrattur u sub-contractor.

Illi x-xhud Clinton Cachia jikkonferma illi l-imputat Schembri huwa d-direttur tal-kumpanija World Plastering Limited u li minkejja li kien hu li kien rebah it-tender

minghand il-Foundation for Tomorrow School, ix-xoghol kien gie mghoddi lil Ahmed Ali[1]. Dan ikompli jikkonferma li l-imputat Schembri bl-ebda mod ma kien involut mal-haddiema li mpjega mieghu Ahmed Ali :

> **Xhud:** *.... Christopher Schembri... qalilna li huwa d-direttur tal-kumpanija World Plastering Limited.... kien il-kumpanija tieghu li hadet it-tender minn ghand il-Foundation for Tomorrow School, imbaghad huwa ghadda x-xoghol lil Ahmed Ali biex iwettqu.*

Is-Sur Clinton Cachia kien rega' gie msejjah bhala xhud nhar l-erbgha u ghoxrin (24) ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017) huwa kkonferma li fuq il-post huwa kien sab lil Ahmed Ali flimkien mal-haddiema tieghu, fejn semma li kien hemm prezenti wkoll il-haddiem Fajad illi kien impjegat minn Ahmed Ali u kien jghin sabiex jiehu hsieb il-haddiema.

> **Xhud:** *Mela f'dik l-investigazzjoni Sinjura Magistrat kont sibt lil Ahmed Ali li kellu l-haddiema tieghu fuq il-post u kien hemm ukoll Fajad li kien jehodlu hsieb il-haddiema. Infatti Ahmed Ali kien ikkonferma li l-vittma kien haddiem tieghu, kien qabddu dakinhar stess infatti.'*

Illi di piu', anka fix-xhieda tal-Health and Safety Officer Joseph Gili[2] *a tempo vergine*, bil-gurament tieghu quddiem l-espert Dr. Robert Musumeci, huwa ikkonferma li fuq plastering dejjem kien ikellem lis-sub contractor, Sirjan bl-isem Hussein, u kien lilu li kien jinforma meta jara armar hazin:

> *"Bhala* ***plastering kont inkellem lis-subcontractor li huwa Sirjan u li qalli jismu Hussein u kemm il-darba kellimtu fuq armar hazin, specifikament dwar scaffolding.*** *Dwar il-pont qatt ma rajtu*

[1] a fol 51 tal-atti processwali
[2] a fol 259 tal-atti processwali

*armat u qatt ma tajt struzzjonijiet biex dan jintrama. **Meta nigbed l-attenzjoni ta' Hussein**, kien hemm okkazjonijiet fejn irrimedja u kien okkazjonijiet ohrajn li trid tghidlu aktar minn darba.*"

Dan jikkonferma li l-appellant Christopher Schembri ma kellu l-ebda konnesjoni mal-vittma u ma kien bl-ebda mod responsabbli tieghu jew tax-xoghol li kien qed jaghmel.

b. **<u>Ma kien hemm ebda negligenza da parti tal-appellant, u dan stante li huwa qatt ma gie nfurmat qabel l-incident b'xi nuqqas da parti tieghu li setgha kellu konnessjoni mal-istess incident.</u>**

Illi ssir referenza ghal *fol* 88 tal-process, fejn jidher illi *a contrario* ta' dak allegat mix-xhud Clinton Cachia, l-appellant Christopher Schembri ma kienx ikkupjat fl-email mibghuta mis-Sur Joseph Gili ta' nhar it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Gunju tas-sena elfejn u erbatax (2014), u ghalhekk ma kienx infurmat bin-nuqqasijiet ta' sigurta' li kien hemm fl-imsemmija sit. Issir umbaghad referenza ghal-komunikazzjoni prezentata ta' nhar l-ewwel (1) ta' Lulju tas-sena 2014[3],kif ukoll ghal dik prezentata nhar il-hmistax (15) ta' Lulju tas-sena 2014[4], fejn avolja l-appellant Christopher Schembri qieghed jigi mibghut il-komunikazzjoni minghand l-ufficjal tal-OHSA, ma hemm l-ebda referenza ghal-hbula jew *harnesses* li ma kienux prezenti jew sahansitra ma kienux jinsabu f'kundizzjoni addatta jew li ma jissodisfawx il-livelli rikjesti ta' sigurta.

Ghal darbohra f'komunika elettronika li ntbaghtet mis-sur Joseph Gili nhar it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbatax (2014)[5], li fiha ghall-ewwel darba ssir referenza ghall-attegjament inaccettabli tal-haddiema kif ukoll inghataw struzzjonijiet sabiex jitwaqqaf ix-xoghol, *a contrario* ta' dak mistqarr mix-xhud Cachia fix-xhieda tieghu, din il-komunikazzjoni ma gietx mibghuta lill-imputat u ghalhekk ma setghax ikun jaf biha jew bil-kontenut taghha[6]:

---

[3] *a fol 99* tal-atti processwali
[4] *a fol 122* tal-atti processwali
[5] *a fol* 141 tal-atti processwali
[6] a *fol* 52 u 53 tal-atti processwali

**Pros:** *Issa inti dan Joseph Gili ghamel xi rapporti lil klijent?*

**Xhud:** *Iva... jibdew l-ewwel wiehed huwa bhala title huwa 18/21 June u jibqa sejjer infatti twenty ninth (29) July, jigifieri jumejn jew tliet ijiem qabel l-incident... u nfatti kiteb lis-sur Christopher Schembri illi hemm nuqqasijiet biex jiehdu hsiebhom.*

Ghalhekk, wara li wiehed jgharbel din ix-xhieda mal-evidenza li giet prezentata mix-xhud, huwa car illi dak ikkunsidrat mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata ukoll mhuwiex preciz, u dan stante li mil-korrespondenzi kollha li gew prezentati fl-atti, l-appellant Christopher Schembri huwa kkupjat BISS f'*email thread* wahda.

Illi l-appellant jirrileva li s-socjeta World Plastering Ltd kienet giet ingaggata biss ghal xogholijiet ta' kisi, filwaqt illi fuq dan is-sit ta' kostruzzjoni kien hemm diversi kuntratturi ohrajn sabiex iwettqu xogholijiet ohra, inkluz dawk li kienu qed jiehdu hsieb xoghol ta' kostruzzjoni;

Issir referenza ghall-ahhar korrespondenza li saret, datata d-disgha u ghoxrin (29) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbatax (2014) , li din id-darba ntbaghtet lis-sur Schembri. F'din il-komunika s-Sur Gili ma jaghtix ordnijiet sabiex jitwaqqaf ix-xoghol, izda jilmenta dwar il-fatt illli; **''Operatives working near open edges MUST wear a full body harness''**.

Illi ghalkemm ma jirrizultax mill-atti min provda l-harness fuq is-sit, jirrizulta li harness giet provduta u kienet decizjoni tal-vitma illi din ma juzahiex. Dan gie kkunsidrat mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata;

*"Illi fir-rigward il-piena din il-Qorti sejra tqis zewg (2) fatturi. L-ewwel u qabel xejn dak li gie konkluz mill-espert Dr Robert Musumeci u cioè li:*

*"Detto cio', m'hemmx dubbju li l-vittma IBRAHIM KASM (ID 116235(A)) ghandu certu kontributorjeta` f'dak li ghamel ukoll peress li hu ukoll kien involut fl-armar tal-pont u addirittura ma kienx liebes harness - ghalkemm supplita lilu - fil-hin ta'l-incident."*

*Illi dan anke gie kkorroborat mix-xhud Al Shekkh Mohammad Ramadan li huwa l-habib tal-vittma u li xehed li l-istess vittma kien qieghed juza l-harness. Jikkonferma li wara ftit kompla jahdem b'dana li ma uzax il-harness."*

Illi skont ir-rapport tal-espert Dr Robert Musumeci bhala parti mill-process verbal, ix-**xhud Al Shekh Mohammad Ramadan** kien qal hekk *a tempo vergine* rigward l-uzu tal-harness mill-vitma:

*"Mort nara lill-habib tieghi Ibrahim. Ibrahim huwa dak li wegga'. Jien mort hemm ghax Ibrahim habib tieghi u mhux biex nahdem. Ghedt lil Ibrahim biex immorru nieklu u morna kilna u gejna lura l-iskola. Huwa tela' fuq u jien bqajt isfel u minn isfel rajthom jarmaw il-pont....Kien f'xi l-ghaxra.* ***Ibrahim nizel fuq il-fallaka. Kien marbut bil- harness. Kesa bicca mill-hajt. Lestijha. Wara li lestijha beda jnizzel it- tavlun minn naha wahda. Imbaghad gie mat-tieqa. Dahal gewwa biex jixrob u nehha il-harness." Imbaghad rega' tela' fuq it-tavlun minghajr harness. Tela' fuq it-tavlun li ma nizzilx biex inizzel ghoqda l- ohra u dak il-hin inqata' l-habel u waqa'****. Meta dahal biex joxrob I- ilma, jien kont gewwa. Meta kont tiela' t-tarag rajt xi nies bdew jigru u qaluli li waqa'. Mort fejnu u bdejt nghidlu Ibrahim, Ibrahim u ma bediex jismani.* ***Cempilt lill-ambulanza u il-foreman tieghu jismu Hussein****... Imbaghad jien mort l-isptar."*[7]

[7] a fol 237-238 tal-atti processwali

c. **<u>L-ewwel akkuza - Artikolu 225 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta</u>**

L-artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali jistipola:-

> *(1) Kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, jikkaġuna l-mewt ta' xi ħadd, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn erba' snin jew multa mhux iżjed minn ħdax-il elf sitt mija u sitta uerbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87).*

Illi dan ir-reat, l-omiċidju involontarju, jipotetizza kondotta kolpuża li bħala konsegwenza diretta tagħha iseħħ event dannuż lil terzi persuni liema event dannuż kien prevedibbli għalkemm mhux previst. Skont il-ġurista Francesco Antolisei:-

> *"… il tripode sul quale si aside la colpa sara` sempre questo - 1° volontarieta` dell'atto - 2° mancata previsione dell'effetto nocivo - 3° possibilita` di prevedere."*

Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Frar 2018, filkaż **<u>Il-Pulizija v. Dorianne Camilleri</u>**, ġie ritenut, fir-rigward:

> *"Bhala konkluzzjoni tad-definizzjoni li din il-Qorti trid taghti lit-terminologija culpa, ghalhekk jibqa' dejjem li l-element taghha huwa volontarjeta tal-att, in- nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibilta ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi. Jekk l-effetti dannuzi ma kienux prevedibbli, hlief b'diligenza straordinarja li l-ligi ma tesigix u li semmai tista' ggib culpa levissima li ma hiex inkriminabbli, ma hemmx htija." (vide Il-Pulizija vs John Vella deciza nhar il-15 ta' Dicembru 1958 mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali).*

Bl-istess mod, il-Professur Anthony J. Mamo, fin-noti tieghu, jghid hekk:

> "*In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen. The agent who caused the event complained of, did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable*"

Jinsab ritenut ukoll li l-prudenza tikkonsisti filli persuna tagħmel dak li hu raġjonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannużi ta' ghemilha, filwaqt li l-imprudenza tikkonsisti fl-egħmil ta' dawk l-affarijiet li jikkaġunaw ħsara prevedibbli. It-traskuraġni, mill-banda l-oħra, timplika certa non-kuranza, ċertu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali. Iżda, f'kull każ li jkun, sija f'każ ta' imprudenza u sija wkoll f'każ ta' traskruaġni, jeħtieġ xorta li jiġi ppruvat li l-ħsara kienet ukoll prevedibbli għad illi mhux prevista, għaliex kieku tabilħaqq l-event dannuż kien previst, wieħed ikun qiegħed fil- kamp doluż b'applikazzjoni tad-dottrina tal-intenzjoni pożittiva indiretta[8].

Għalhekk, in suċċint, il-culpa ġenerika tinsab essenzjalment fil-fatt illi l-agent ma jkunx osserva, għalkemm ma kienx impedit milli jagħmel dan, l-istandard ta' diligenza rikjesta fis-sitwazzjoni konkreta.

Maghdud ma' dan hemm ukoll il-culpa speċifika, dovuta għan-non osservanza ta' liġijiet u regolamenti li jkunu emanaw minn awtorita' pubblika bl-iskop li jirregolaw l-operat ta' attivitajiet determinati, u ta' regoli jew kodiċi ta' kondotta li jkunu indirizzati lejn faxxa speċifika ta' suġġetti u jistgħu jemanu anke minn awtorita' privata.

---

[8] Dan l-insenjament qed jiġi riprodott mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Richard Grech**, deċiża 21 ta' Marzu 1996 u mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Azzopardi et**, deciza 28 t'Ottubru 2024.

Dan kollu magħdud ifisser li biex tiġi radikata ħtija għar-reat ta' omiċidju involontarju, irid jiġi riskontrat u aċċertat ness ta' kawżalita' bejn l-event dannuż u l-kondotta kolpuża tal-aġent, b'mod li l-event dannuż ikun konsegwenza tal- azzjoni tar-reo. Fil-fatt, kif diġa' ngħad, l-imputazzjoni ta' event leziv irid ikollha bhala punt ta' partenza l-presuppost li r-*reo* jkun ikkontribwixxa materjalment għar-riżultat dannuż u li jkun jeżisti, allura, rapport ta' kawżalita' materjali bejn il-kondotta tar-*reo* u l-istess eventi dannuż: dan l-aċċertament tan- ness kawżali bejn l-azzjoni jew l-ommissjoni u l-event dannuż huwa fondamentali għall-attribuzzjoni ta' ħtija kriminali.

Illi għalhekk kien id-dmir tal-Prosekuzzjoni li tirradika persważjoni morali lil hinn minn kull dubju raġjonevoli f'moħħ il-Qorti dwar il-htija ta' xi wiehed jew iktar mill-ko-imputati ghall-mewt ta' Kasim Ibrahim, bi provi konvincenti u konklussivi ta' kondotta volontarja u negligenti kif ġie appena mfisser - da parti tagħhom individwalment fil-każ konkret, li tkun karatterizzata b'rabta ta' kawżalita' ma' dan l-akkadut dannuż. Illi bid-dovut rispett, kull imputat kellu jiġi aġġudikat fuq l-azzjonijiet tieghu biss individwalment mingħajr referenza ghall-kondotta ta' xi wieħed jew iktar mill-ko-imputati l-ohra, u dan abbażi tal-azzjonijiet jew omissjonijiet tieghu stess, u mhux jinstab hati fuq bazi ta' eliminazzjoni, kif gie ritenut f'sezzjoni (a) ta' dan l-aggravju.

Illi l-appellant fdan l-istadju jaghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Azzopardi et**, deciza 28 t'Ottubru 2024, fejn il-Qorti ma sabitx htija tal-imputati taqht l-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali, u dan wara li qieset is-segwenti:

> "***il-Qorti hija tal-fehma li ebda wieħed mill-imputati ma mexa b'kondotta volontarja u negligenti li fiha hija riskontrabbli wkoll rabta materjali ta' kawżalita' mal-waqgħa tal-vittma fil- bokka tal-lift.*** *Ill-Qorti tidentifika bħala l-unika kondotta li ikkontribwixxiet b'mod materjali għas-sinistru, it-tneħħija tal-lqugħ*

*għall-egħluq tal-bokka tal-lift u fuq kollox,* ***l-ommissjoni tal-vittma nnifsu*** *li jqiegħdu lura f'postu biex jerġa' jaghlaq il-fetha qabel kompla b'xogħolu xogħol li kif rajna kien jinnecessita ċaqliq konsistenti fi knis u tneħħija ta' oġġetti żgħar minn mal-art fil-vicinanzi stretti tal-fetħa tal-lift shaft.* ***Fil-fehma tagħha, dan l- akkadut kien ir-riżultat esklussiv tal-egħmil tal-vittma nnifsu u ma tirravviża ebda kondotta kolpuża jew negligenti da parti ta' xi wieħed jew iktar mill- imputati li setgħet ikkontribwixxiet għall-akkadut.***

***Gie argumentat mill-Prosekuzzjoni illi n-nuqqas tal-imputati li jipprovdu lqugh fiss li kien imwaħħal mal-bokka tal-lift shaft b'mod li ma setax jiċċaqlaq, jikkostitwixxi l-kondotta kolpuża li kienet il-kaġun tal-event dannuż <u>iżda l-Qorti ma taqbilx</u>.*** *Huwa minnu li barrier imwaħħal li ma setax jiċċaqlaq mill-ħaddiem kien jipprovdi sigurta' assoluta u kien inaqqas konsiderevolment jekk mhux kompletament ir-riskju ta' waqgħhat fil-bokka tal-lift, iżda l-Qorti ma tistax tispekola dwar jekk barrier imwaħħal mal-koxxa tal-hitan tal-bokka tal-lift kienx ikun ta' xkiel għat-twahhil tal-madum jew jekk kienx ikollu jitneħħa biex isir it-twahhil tal-madum fix-xifer tas-sular mal-bokka tal-lift. Alfred Lia, il- health and safety officer li ġie inkarigat biex ihejji Health and Safety Plan wara l-akkadut, ma jidhirx li kkundanna x-xorta ta' safety barrier li kien hemm provdut fis-sular fejn il-vittma waqa' għal isfel u lanqas ma ordna li l-ilqugh tal- lift shaft kellhom ikunu imwaħħlin b'mod li ma jistgħu qatt jiġu rimossi. Kemm hu hekk, huwa ordna biss li l-lift shafts għandhom ikun magħluqin il-hin kollu b'safety bars li taht ebda ċirkostanzi ma għandhom jitneħħew sakemm mhux biex jintuża l-lift shaft, f'liema każ il-ħaddiem li juża l-lift shaft għandu jilbes safety harness.*

***Dan ikompli isaħħaħ il-konvinzjoni tal-Qorti illi l-unika kondotta li kkaġunat il- mewt kienet l-ommissjoni tal-vittma jew ħaddiem ieħor li jċaqlaq il-barrier minn postu u fuq kollox,***

> ***jerġa' jqiegħdu f'postu meta reġa' mar ikompli bix- xogħol fil-vicinanzi tal-lift shaft.***"

Illi fil-kaz in kwistjoni, jirrizulta mill-provi prodotti illi kien il-vitma li kien provdut b'harness, kien liebes il-harness ftit qabel ma huwa waqa', izda iddecied illi jinzaha u jerga johrog fuq il-pont ftit wara, meta huwa waqa'. Illi ghalhekk in-nuqqas jew l-ommissjoni tal-vittma milli jerga' jilbes il-harness provduta lilu qabel a jerga johrog fuq il-pont hija l-unika kondotta li kkagunat il-mewt tal-vittma.

**B.Piena Erogata**

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost dan l-aggravju jirrigwarda l-piena. Illi l-appellant umilment jirrileva illi l-piena moghtija lilu hija wahda eccessiva fic-cirkostanzi tal-kaz odjern u cioe dik ta' multa ta' ghaxar telef Ewro.

Illi qabel xejn ghandu jigi kkunsidrat li **l-piena qatt mghandha sservi sabiex titpatta l-hsara li tkun iggarbet mill-vittma - jew mill-familjari taghha - kawza tas-sinistru**.

Illi f'dan l-isfond ssir riferenza ghas-sentenza **<u>Il-Pulizija vs Francis Mamo</u>**:

> *Fil-verita l-iskop tal-piena muhiex wiehed ta' tpattija. Huwa ben stabbilit li l-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati.*
>
> *Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra*

*mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*

*Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu......*

*Illi huwa car li l-imputat mhux persuna ta' kondotta vjolenti jew li ghandu bzonn ta' xi tip ta' riforma fil- karattru tieghu; dan pero ma jfissirx necessarjament li huwa m'ghandux jinghata piena karcerarja jekk hija din il-piena li tohloq dak il-bilanc gust bejn id-diversi skopijiet li jridu jintlahqu permezz taghha, inkluz dak li tibghat messagg car li jservi ta' deterrent.*

*Illi fil-kaz in ezami l-imputat m'ghandux l-iskuza ta' l-inesperjenza jew il-blugha taz-zghozija; huwa ragel adult u ta' certa esperjenza li pero ghazel li jinjora dak li din l-esperjenza bil-fors kienet ghallmitu;...*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anton Vassallo** deciza mill-Onor Imhallef David Scicluna nhar id-9 ta' Jannar, 2013 intqal hekk:

*"Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll irriforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u*

*ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil- kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."*

*12. Din il-Qorti hi tal-fehma li fil-kaz in ezami jidher illi lappellant/l-appellat qieghed fit-triq it-tajba u qieghed jaghmel l-isforzi mehtiega biex izomm in lineja mar-responsabbiltajiet tieghu. Is-socjeta` ghalhekk ma tistax tigi protetta bl-inkarcerazzjoni tieghu izda billi, bl-ghajnuna ta' ufficjal tal-probation, ikompli jirresponsabbilizza ruhu, u dan anke billi jaghmel il-pagamenti opportuni lill-vittmi tieghu kif ukoll billi jrodd xi haga lis-socjeta` permezz ta' servizz fil-komunita`. Ghalhekk huwa l-kaz illi, minbarra ordni ta' kumpens, l-appellant/l-appellat accettanti, jitqieghed taht ordni ta' probation u servizz sabiex ikun hemm ammont ta' supervizjoni minn ufficjal tal-probation filwaqt illi l-hati, permezz tal-hidma tieghu, ikun qieghed irodd lis-socjeta` offiza dak is-sodisfazzjon li hija tippretendi li ghandu jkollha minhabba l-agir kriminuz tieghu.*

Illi kif qal Lord Justice Lawton fil-kawza **R v. Sargeant** :

***"Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. <u>The courts do not have to reflect public opinion.</u> On the other hand they must not disregard it. Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion."***

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-22 t'Ottubru 2019 fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Mohamed BERKOUK, Maalem ABDERRAHMANE, Lazhari ZAMOUCHE'** gie kkunsidrat li:

*'6. Peress li dan huwa appell limitat biss għall-piena inflitta, din il-Qorti trid tistħarreġ jekk il- Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għas-sentenza tagħha billi tanalizza jekk il- piena inflitta minn dik il-Qorti kienetx taqa' fil-parametri legali, jekk kienetx żbaljata fil-prinċipju, jew jekk kienetx manifestament eċċessiva. Kif ġie mistqarr mill-Qorti tal- Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet* ***The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek*** *deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005 :*

*It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):*

*"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in*

*Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."2*

*This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.*

*7. Fi ftit kliem, jispetta lill-Qorti tal-Maġistrati li tiddeċiedi fuq il-fatti tal-każ; fuq jekk l-imputat ikunx ħati jew le, u jekk ħati, x'piena għandha tingħatalu. Jekk il-Qorti tal-Maġistrati ma tkunx ħadet xi żball fl-analiżi tal-provi jew tal-Liġi, allura s-sentenza tagħha tibqa' torbot u din il- Qorti ma tistax taqbad u tbiddilha jew tħassarha jekk ma jkunx hemm raġuni valida għaliex. Jekk pero l-Qorti tal- Maġistrati tkun ħadet xi żball, imbagħad din il-Qorti għandha d- dmir li dak l-iżball tirranġah.*

*8. Din il-Qorti trid tanalizza wkoll jekk il-Qorti tal-Maġistrati applikatx piena li kienet* ***manifestament eċċessiva*** *meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas- sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell* ***Kandemir*** *u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri* ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb****, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill- Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku*

*kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill- Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju meta ġiet emanata dik il- piena.*

*9 Il-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett :*
*(a)Retributtiv;*
*(b)Preventiv; u*
*(c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena*

*L-**aspett retributtiv** tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi is-sitwazzjoni morali soċjali għal kif kienet qabel ma seħħet il-ħsara lis-soċjeta bil-kommissjoni tar-reat. U s-soċjeta teżiġi li l-ħati jagħmel tajjeb għall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita' tagħha.*

*L-**aspett preventiv** tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biża li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata toħloq f'moħħ is-soċjeta, b'mod li dak li jkun jerġa jaħsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minħabba l-biża li teħel il-piena, persuna tiġi mġegħela tixtarr sew il-konsegwenzi t'egħmilha **qabel** ma twettaq l-att kriminuż.*

*L-aspett preventiv għalhekk huwa dupliċi : wieħed ta' natura ġenerali u l-ieħor ta' natura speċjali. L-effett preventiv ġenerali huwa dak li bis-*

*saħħa tal-liġi penali li tistabbilixxi l-piena, is- soċjeta tiġi kemm jista' jkun imrażna milli tikkommetti reati minħabba l- biża li tinkorri fil-piena jekk tinstab ħatja. Aktar ma dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun laħaq il-mira tiegħu. L-aspett preventiv speċjali huwa dak li japplika għall-ħati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerġa jaħsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-Liġi. Jekk is-soċjeta titlef din il-biża mill-piena minħabba li l-Liġi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita dovuta għall-fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jġiegħel lill- membri tas-soċjeta milli jiddeżistu għax jekk jiddelinkwu mingħajr konsegwenza jew b'konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għall- membri fi ħdan soċjeta li jiddelinkwu. Dan iwassal għal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti għall-interessi tal-kollettivita'. Is- soċjeta allura teħtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaċi meħtieġ għall- eżistenza paċifika tagħha stess. Altrimenti, il-kollass.*

*Finalment hemm l-**aspett riedukattiv** u **rijabilitattiv** tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija speċifika al-ħati u li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-ħati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa kruċjali għas-soċjeta in kwantu jgħin lill-ħati jgħaddi minn proċess ta' riforma tiegħu innifsu biex jgħinu jinqata' mir-raġunijiet u l- kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jagħraf iqum fuq saqajh, jibni ħajtu mill- ġdid u ma jibqax aktar ta' theddida għas- soċjeta bħal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa.*

*F'dan il-kuntest il-piena għandu jkollha effetti riedukattivi u korrezzjonali fuq il-ħati. Biex dan l- għan jintlaħaq, il-ħati għandu jsib dawk l-istrutturi maħsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan il-*

*perkors rijabilittativ u jiġi mgħejjun itejjeb l-imġieba tiegħu b'mod li għalhekk ikun jista' jerġa jiġi reintegrat fis-socjeta, billi jiġi riedukat, imħeġġeġ jiżviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tiegħu, inkoraġġit jaħdem biex ikollu biex jerġa jibni ħajtu u jgħix diċenti, ma jkollux għalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn jagħmel tajjeb għad-danni li jkun ikkawża b'egħmilu. F'dan is-sens allura l- Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, għalkemm għandha effikacja repressiva.'*

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali prezentata nhar is-7 t' April, 2025;

Rat l-atti kollha processwali, ikluz id-digriet tal-ewwel qorti tal-21 ta' Marzu, 2023 fejn skartat ix-xhieda ta' Clinton Cachia ghal dak li jirrigwardja d-dikjarazzjonijiet fil-konfront tal-imputati, inkluz l-appellant u fejn skartat ukoll ix-xhieda mghotija lill-espert nominat fl-inkjesta Dr Robert Musumeci tal-appellant u l-ko-akkuzati l-ohra u kwalunkwe konkluzjoni ragunata minn tali xhieda.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant.

Semghet il-partijiet jaghmlu s-sottomisjonijiet taghhom nhar id-9 ta' Mejju, 2025.

Ikkunsidrat,

**<u>L-ewwel aggravju</u>** tal-appellant jirrigwardja l-apprezzament tal-provi hekk kif maghmul mill-Ewwel Qorti. Din il-Qorti hija Qorti tal-Appell u mhux Qorti ta' revizjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ghalhekk ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti meta dik il-Qorti tkun legalment u ragonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet ghamlet. Kif ritenut fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **<u>il-Pulizja vs Julian Genovese</u>**:[9] '

[9] Deciza 31 ta Lulju 2008. Appell Numru 141/2008.

*'hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti* ***ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha.*** *Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti,* ***izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha.*** *Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni* (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.**[10]" [12.5.94]; "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi**[11]" [14.2.1989]; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[12]" [31.5.1991]; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[13]" [31.5.1991] u ohrajn.)

Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn Lord Chief Justice Widgery fil-kawza "**R. v. Cooper**[14]" (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) ,*

---

[10] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Mejju, 1994.
[11] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Frar, 1989.
[12] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
[13] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
[14] 1969] 1 QB 276.

*because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."*[15]

Jekk il-Qorti tal-Magistrati tkun ghamlet xogholha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza taghha, dimend li ma jkunx hemm raguni valida. L-appellant jista' ma jaqbilx mal-konkluzjonijiet tal-Ewwel Qorti, madanakollu dan mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati.

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt,**[16] inghad illi :-

*"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li* ***tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju …, trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."***

[15] Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392.
[16] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta Dicembru,1994.

Din il-Qorti ma tkunx semghet ix-xhieda hi kif tkun semghathom l-Ewwel Qorti, u ghaldaqstant din tal-ahhar ikollha vantagg peress li tkun semghet ix-xhieda u rat il-komportament taghhom meta dawn xhedu. Ghaldaqstant, din il-Qorti tista' ma taqbilx mal-Ewwel Qorti, izda jekk din setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni din ma tistax taqbad u tbiddilha. Izda, din il-Qorti taghmel ezami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha quddiemha tasal b'mod "*safe and satisfactory*" ghall-konkluzzjoni ta' htija.

Huwa principju fundamentali tal-process penali li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, tali akkuzi ghandhom jigu pruvati **oltre kull dubju dettat mir-raguni.** Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer,**[17] il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, **dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l**-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati[18].** Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija sempliciment fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Il-Gudikant għandu jezamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbaghad jiddeciedi l-kawza abbazi tal-ligi applikabbli, tal-gurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvincenti u korroboranti.[19]

---

[17] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-5 ta' Dicembru 1997.
[18] Enfazi ta din l Onorabbli Qorti
[19] Appell Civili Numru. 140/1991/2 - Norbert Agius v. Anthony Vella et., deciz fil-25 ta' April, 2008 mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano u l-Imhallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti.

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq **<u>il-kredibilita` tax-xhieda</u>** u dan billi din il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandiex mis-sewwa jew hix kostanti, u ta' fatturi ohra tax-xhieda u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Artikolu 637 tal-Kapitolu 9** jipprovdi gwida cara lill-Gudikant kif ghandu japprezza xhieda ta' xhud:

> *"id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz."*

**<u>Ghandhom ikunu ndizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu mressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu.</u>** Illi ghalhekk huwa mportanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu.

Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil</u>**:[20] "*Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova tal-volta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika*".

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

[20] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961.

**Archbold** fil-ktieb tiegħu **Criminal Practice**[21] b'referenza għal dak li qal Lord Normand fil-kaz **<u>Teper vs. R</u>** [22] jgħid:

> *"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another [...]. It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference".*

Illi din hija ezattament il-posizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt giet konfermata b'sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Emanuel Seisun</u>**.[23]

Din il-Qorti thoss u tghid li provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf, b'sensiela ta' ghoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni. Sabiex l-evidenza cirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' htija, din trid tkun univoka, jigifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konkluzjoni wahda u xejn hliefha. Altrimenti, jekk ic-cirkostanzi jaghtu lok ghal aktar minn konkluzjoni wahda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieh fuqhom biss biex tkun tista' ssib htija.

---

[21] 1997 Edition Para 10-3.
[22] 1952.
[23] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-9 ta' Jannar, 1998.

Artikolu 638 tal-Kodici Kriminali jaghmilha cara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ggib il-provi kollha u l-ahjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlahaq b'success. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu principalment fil-verzjoni ta' xhud wahdieni, il-Qorti xorta wahda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi procedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun gie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita', din ix-xiehda ssir bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Fil-fatt l-Artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali jghid li xhud wiehed wahdu, jekk emnut, huwa sufficjenti sabiex fuq ix-xiehda tieghu l-Qorti tkun tista' ssib htija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi kazijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[24] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli li Qorti ta' Gustizzja Kriminali tasal li ssib htija f'persuna akkuzata fuq ix-xiehda ta' xhud wiehed biss.

In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **__Il-Pulizija vs Joseph Thorne__**,[25] mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi u tasal ghall-konkluzjoni taghha.

F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-kazijiet li jisimghu hija li jiskopru l-verita' storika; u dan peress li l-evidenza li tingieb mhux dejjem tkun veritiera. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qieghed jghid. U huwa ghalhekk li jezisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma ghandhomx is-setgha li jaqraw l-imhuh tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'mohhhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza taghhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jghidu u mill-eghmil taghhom. Il-Qrati jridu jistriehu

---

[24] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; Il-Pulizija vs Antoine Cutajar ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; Il-Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

[25] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono

biss fuq il-provi li jkunu ngiebu quddiemhom – cioe' l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

Ghalhekk din il-Qorti sejra tghaddi sabiex tevalwa x-xhieda li ngieghbu quddiem l-Ewwel Qorti.

**PL Quentin Tanti**[26] xehed nhar it-18 ta' Jannar, 2016 in rapprezentanza tal-MFSA u r-Registratur tal-Kumpaniji. Hu pprezenta l-Memorandum and Artucles tal-kumpanija *World Plastering Limited* li ghandha r-*registration number* C52132 liema kumpanija kienet giet irregistrata nhar it-28 ta' Frar, 2011. Nhar l-1 t'Awwissu, 2014 l-appellant kien direttur tal-istess kumpanija.

**Joseph Saliba**[27] xehed nhar it-18 ta' Jannar, 2016 ghan-nom u in rapprezentanza tal-ETC. Hu pprezenta l-*employment history* tal-appellant u qal li fil-konfront tal-ohrajn, u cioe' Ahmed Ali, Fahed Ajjan u Ibrahim Kasam ma kien hemm xejn fis-sistema.

**Clinton Cachia**[28] xehed nhar it-18 ta' Jannar, 2016 bhala rapprezentant tal-OHSA fejn ikkonferma illi nhar l-1 t' Awwissu, 2014 kienu gew infurmati li kien hemm accident li sehh Vincenzo Borg Braret Boys School Birkirkara u hu kien mar fuq il-post. Huma kienu rcivew telefonata xi 12.00 mill-ghassa B'Kara u waslu fuq il-post ghall-habta ta' 12. 20, infatti x'hin waslu kienu gew infurmati li l-persuna Ibrahim Kasim, li kien gia ttihed minn fuq il-post kien miet. Hu pprezenta sett ta' ritratti. Huma kienu raw li l-pulizija nizlu *harness* minn fuq il-bejt. Spjega kif raw nuqqas ta' *railing* fit-turgien, allura kien hemm access perikoluz, *scaffolding* armat hazin u nuqqas ta' *railing* iehor u allura kien hemm *edges* illi inti tista' taqa' ghal isfel. Ix-xoghol ta' *plastering* kien qed isir gewwa u barra tal-iskola kollha. Kienet giet imhejja *Health and Safety Plan* li kienet giet imhejjija mill-*project supervisors* Joseph Gili u Victor Vella. Fost affarijiet ohra kien hemm miktub li per ezempju haddiem li jahdem vicin l-*edges* li ma hemmx *railings* irid

---

[26] Fol. 23 et seq tal-process.
[27] Fol. 46 et seq tal-process.
[28] Fol. 49 et seq tal-process.

jilbes *harness*. Xoghol il-*project supervisor* huwa li f'kaz ta' kostruzzjoni tal-progett is-sit jinzamm sikur ghall-haddiema kollha. L-irwol taghhom johrog mill-*Legal Notice* 281/2004. Joseph Gili kien ghamel diversi rapporti lill-klijent. Wiehed bhala titolu 18/21 June jibqa' sejjer sad-29 ta' Lulju, jigifieri jumejn jew tlett ijiem qabel l-accident. F'diversi minnhom infatti hemm indikazzjoni u kiteb l-appellant li hemm nuqqasijiet sabiex jiehdu hsiebhom u jidher li kien hemm nuqqasijiet li qatt ma gew indirizzati. Fuq il-post hu ta' ordnijiet illi x-xoghlijiet kellhom jitwaqqfu sakemm isiru *remedial works* sabiex is-sit jigi sikur. Meta ltaqa' ma Schembri gimgha wara l-incident, dan tal-ahhar ikkonferma li r-rapporti kien jircievihom imma ma rrispondiex ghal-liema raguni qatt ma ttekiljaw l-kwistjonijiet li kellhom prezenti.

Nhar it-2 ta' Lulju, 2018, Clinton Cauchi[29] rega' xehed fejn ipprezenta kopja tal-*istop order*. Spjega illi meta huma marru fuq is-sit tal-incident huma raw dawk li huma l-fatturi i possibilment wasslu ghall-mewt tal-vittma, kif ukoll ghamlu spezzjoni b'mod generali u sabu diversi nuqqasijiet, primarjament dawk li huma jsejhulhom waqghat mill-gholi, jigifieri, ma kienux jittiehdu l-prekawzjonijiet biex jigu evitati perikli relatati ma' waqghet mill-gholi. Hafna mit-turgien, truf u *edges* ma kellhomx *railings* jew *fencing*. L-iscaffoldings ma kienux armati b'mod tajjeb u kienu qed jintuzaw ukoll bhala forma t'access ghal gos-sit. Huma ghalhekk kien hargu stop order lil FTS sabiex is-sit jigi *remedied* u jkun iktar sikur. B'referenza ghar-ritratti minnu pprezentati a fol. 62 sa a fol. 72 tal-process hu kkonferma li bhala ritratti kien hadhom hu. Ritratt numru wiehed u tnejn, it-tnejn juru turgien minghajr *railing*. Ritratt numru tlieta juru *scaffolding* mhux armat skont is-sengha u l-arti tax-xoghol. Ritratt numru sebgha juri nuqqas ta' *fencing* sabiex jigu evitati waqghat mill-gholi.ritratt numru tmienja juri partijiet ohra mill-iscaffolding. Ritratti numru ghaxra u tnax juri *edges* minghajr l-ebda forma ta lqugh. Ritratt numru hdax juri scaffolding li kien qed jintuza ghall-access. Ritratt numru tnax ukoll juri *edges* illi jistghu jwasslu ghal potenzjalment persuna jaqa' ghall-isfel minghajr l-ebda *fencing*. Ritratt tlettax juri tarag iehor minghajr *railing*. Ritratt erbatax juri platforms fil-kuruturi li kienu qed jintuza b'mod hazin hafna biex jaccessaw il-parti ta' fuq biex jaghmlu *mechincal and electrical works*. Ritratt hmistax

[29] Fol. 557 et seq tal-process.

ukoll juri tarag minghajr ilqugh. Ritratti sbatax u tmintax juru nuqqas ta' *house keeping* jigifieri hmieg, imbarazz, inkluz vireg hergin, *rubble*, li jista' jwassal ghal persuna li jaqa' u jwegga'. Ritratt dsatax juri parti ohra minn tarag minghajr ilqugh. Ritratt ghoxrin imbghad juri habel imzarrat li kien marbut allegatament mal-pont li waqa' ghal isfel.

Clinton Cachia[30] rega' xehed nhar it-22 ta' Novembru, 2021 fejn ikkonferma li r-ritratti a fol. 56 sa 71 gew mehuda minnu u mill-kollega tieghu Shylon Muscat.

**<u>Spettur Priscilla Caruana</u>**[31] xehedet nhar it-18 ta' Jannar, 2016 fejn qalet illi nhar l-1 t' Awwissu 2014 kienet stazzjonata l-ghassa ta' B'Kara u kienu gew infurmati li persuna Sirjana waqghet mill-iskola ta' Paris fejn kienet infurmat lill-Magistrat Inkwerenti li kien hatar diversi esperti sabiex jassistuh.

L-Ispettur Caruana[32] regghet xehedet nhar id-29 ta' Frar, 2016 fejn hija qalet li ma kienitx hadet stqarrija tal-akkuzati. Dwar l-oggetti elevati qalet li kienu ghaddewhom lil Perit Musumeci u kif dan tal-ahhar anke eleva l-habel li kien involut fl-inkjesta.

Nhar it-22 ta' Novembru, 2021 L-Ispettur Caruana[33] giet mistoqsija mill-Qorti dwar il-habel u c-cellulari li skont ir-rapport ta' Dr Musumeci gew mghoddija lilu minnha. Hija qalet li ma tiftakarx izda jista' jkun.

**<u>Shylon Muscat</u>**[34] xehed nhar it-18 ta' Jannar, 2016 fejn qal li fis-sena 2014 hu kien Ufficjal tas-Sahha u Sigurta' u nhar l-1 t' Awwissu, 2014 kienu gew infurmati li kien sar accident mill-Ispettur Caruana fl-iskola Sekondarja Vincenzo Borg Braret Birkirkara. Hu flimkien mal-kollega tieghu Clint Cachia marru fuq il-post u gew infurmati li kien waqa' certu Ibrahim Kasim. Sussegwentament kienu gew infurmati

[30] Fol. 658 tal-process.
[31] Fol. 154 tal-process.
[32] Fol. 324 et seq tal-process.
[33] Fol. 656 et seq tal-process.
[34] Fol. 156 et seq tal-process.

li Kasim kien miet. X'hin waslu nnutaw li kien hemm pont imdendel u fejn naha minnhom kien maqtugh. Muri Dok CC1 u CC2 ipprezentat mill-kollega tieghu. hu kkonferma li r-ritratti hadhom hu.

Is-Sur Muscat[35] ikkonferma li hu kien ha r-ritratti konguntivament mal-kollega tieghu Clinton Cachia.

**Perit Samuel Formosa**[36] xehed nhar it-18 ta' Jannar, 2016 fejn qal mistoqsi lil min kien qed jirraprezenta hu wiegeb li hu c-Chairman tal-Fondazzjoni ta' l-FTS u li fl-2014 kien jokkupa l-istess kariga. Id-*day to day management* kien f'idejn Anthony Muscat. Jghid li hu jigi nfurmat bil-process tat-*tender* izda ma jidholx fihom. Sin l-iskola partikolari jghid li jaf li t-*tender* haditu World  Plastering. Jghid li wara li sar l-incident kienu cemplulu.

**Anthony Muscat**[37] xehed nhar it-18 ta' Jannar, 2016 fejn qal li l-kariga tieghu kienet ta' *Chief Operating Officer* ta' l-Iskejjel ta' Ghada u fl-2014 il-kariga tieghu kienet l-istess. Hu kien konoxxenti mill-fatt illi nhar l-1 t' Awwissu, 2014 kien sar incident. Spjega li kienet inharget offerta pubblika u t-tender kien inghata lil *World Plastering* u sussegwentament kien beda x-xoghol. Ix-xoghol kien fuq kisi u tibjid fl-iskola Borg Btraret, B'Kara. Hu esebixxa kopja tat-tender. Meta sar l-incident hu ma kienx fuq il-post izda kien baghat lin-nies tieghu sabiex jara x'kien gara. Hu jaf li kien hemm accident fejn waqa' persuna u spicca miet. Kien hemm l-inkjesta tal-pulizija u huma kienu rapprezentati mill-*Health and Safety Officer* taghhom Joseph Gili. Bhala Awtoritajiet kien hemm xi zmien li kienu kellmuhom u saqsew id-domandi taghhom u daqshekk. Qal li s-sit kienet maghluqa ghal xi zmien sakemm saret l-investigazzjoni imbghad wara x-xoghol tkompla mill-*World Plastering* u mill-kuntratturi l-ohra u tlesta.

---

[35] Fol. 659 tal-process.
[36] Fol. 158 et seq tal-process.
[37] Fol. 160 et seq tal-process.

Is-Sur Muscat[38] rega' xehed nhar l-24 t' April, 2017 fejn ikkonferma illi d-dokument li kien ipprezenta u li jinsab a fol. 163 tal-process huwa vera kopja tal-originali.

Nhar it-8 ta' Marzu, 2019 rega' xehed is-Sur Muscat[39] fejn qal li hu kien jahdem mal-FTS minn Dicembru 2013 sa Dicembru 2016 bhala Chief Operating Officer. Muri d-dokumenti a fol 191 et seq tal-process hu kkonferma l-firma tieghu u spjegax'kienu u cioe' fol. 191 l-award tat-tender; fol. 197 hija notifika sabiex il-kuntrattur *World Plastering Limited* jibda x-xoghol u fol. 199 min kien rebah it-tender.

**Dr Robert Musumeci**[40] kien inhatar bhala Perit tekniku fl-Inkjesta Magisterjali. Huwa acceda fuq il-post nhar l-1 t' Awwissu, 2014 ghall-habta ta' 13.30hrs. Fir-rapport tieghu semma kif mill-pont minn fejn allagament waqa' l-vittma, instab imdendel vicin wahda mill-faccati li jharsu lejn Triq Paris u fejn kien qed isir xoghol ta' kisi, ezattament ftit il-gewwa mill-grada principali. Ma l-art taht il-pont, madwar 9.7 metri 'l isfel gew kostatati tracci ta' lewn ahmar, il-lok fejn waqa' l-vittma. Il-pont minn fejn waqa' kien jikkonsisti f'zewg tavluni ta' l-injam marbutin rispettivament mill-irjus permezz ta' hbula li jestendu vertikalment lejn l-opramorta sovrastanti u iduru orizzontalment f'forma ta' trijangolu ftit metri 'il gewwa mill-opramorta fuq il-bejt u jintrabtu ma *counterweight* maghmula minn disa' bricks impoggija ma' xulxin tlieta fejn tlieta fejn tlieta. Wahda mit-tavluni tal-pont, ezattament dik tax-xellug , kienet angolata 'l isfel fid-direzzjoni tax-xellug u dan evidentament wara li l-habel li kien qed izomm ir-ras tat-tavlun mix-xellug inqata'. Di konsegwenza, il-bricks li kien qed izomm dan il-habel li mexa u dan anke jekk l-opramorta ma esebiet ebda moviment. Il-habel kien osservat li kien imzarrat f'diversi bnadi.fil-foyer sitwat fil-livell tat-triq, instabet harness ta' lewn ahdar car.

**Il-Perit Vittorio Bonavia** kien qallu li hu kien il-perit tal-FTS u li fuq is-sit kien hemm is-*site supervisor* certu Joseph Giuliano. Bhala *health and safety officer* l-FTS kienet

[38] Fol. 488 et seq tal-process.
[39] Fol. 589 et seq tal-process.
[40] Fol. 225 et seq tal-process

inkarigat lil Joseph Gili. Waqt il-hin tal-incident hu ma kienx fuq il-post u meta wasal kien hemm il-paramedici jassistu lill-vittma. Qal Il-Perit Bonavia qal li l-kuntratturi tal-Plastering kienu *World Plastering* izda dawn skond it-tender setghu jinkarigaw *sub-contractors.*

Dr Musumeci ha l-verzjoni ta' **Al Shekh Mohammad Ramadan** li kkonferma li kien fuq is-sit il-hin tal-incident fejn qal li l-pont kien intrama minn Ibrahim u l-iswed u l-iswed kien fuq il-bejt meta l-pont kien qed jintrama. Jghid li mar fuq il-post biex jara lil Ibrahim mhux biex jahdem. Hu mar jiekol mieghu u marru lura l-iskola. Hu ddeskrivi ftit qabel l-incident hekk kif gej:

> *"Kien f'xi l-ghaxra. Ibrahim nizel fuq il-fallaka. Kien marbut bil-harness. Kesa bicca mill-hajt. Lestijha. Wara li lestijha beda jnizzel it-tavlun minn naha wahda. Imbaghad gie mat-tieqa. Dahal gewwa biex jixrob u nehha il-harness." Imbaghad rega' tela' fuq it-tavlun minghajr harness. Tela' fuq it-tavlun li ma nizzilx biex inizzel ghoqda l-ohra u dak il-hin inqata' l-habel u waqa'. Meta dahal biex joxrob l-ilma, jien kont gewwa. Meta kont tiela' t-tarag rajt xi nies bdew jigru u qaluli li waqa'. Mort fejnu u bdejt nghidlu Ibrahim, Ibrahim u ma bediex jismani. Cempilt lill-ambulanza u il-foreman tieghu jismu Hussein... Imbaghad jien mort l-isptar. Mort bil-mixi." Dwar l-iswed li ngabar mill-Marsa, izid jghid li "Kien hemm wiehed iswed jahdem ma' Ibrahim. Cempilt lil Hussein. L-iswed ma nafx fejn mar."*

**Joseph Gili** qallu li hu jirraprezenta l-FTS in kwantu *Health and Safety* u kien qed imur darba fil-gimgha u jaghmel rapport kull gimgha u jghaddih lil Anthony Muscat. Dan ir-rapport ikunu kkupjati wkoll il-kuntratturi nvoluti. Hu tenna wkoll is-segwenti:

> *"Il-pont dejjem irid jintuza as a last resort. Dal-pont jien qatt ma rajtu armat u qatt m' awtorizzajtu. L-ahhar li mort nhar it-Tlieta 29 ta' Lulju 2014, nghid li dan il-pont ma kienx armat. Bhala plastering kont inkellem lis-subcontractor li huwa Sirjan u li qalli jismu Hussein u*

*kemm il-darba kellimtu fuq armar hazin, specifikament dwar scaffolding. Dwar il-pont qatt ma rajtu armat u qatt ma tajt struzzjonijiet biex dan jintrama... Nerga' nghidlek li hadd ma qalli li kien se jintuza l-pont..... nghid li jien qatt ma rajt habel jew fallakki fuq il-post. Ix-xoghol ilu ghaddej minn nofs Mejju 2014. Dawn is-Sirjani kienu qed jahdmu bi scaffolding u tajt struzzjonijiet lil Pippo Giuliano li huwa site manager biex dan l-iscaffolding jizzarma u dawn obdew minni.... Nghid li kieku rajt xi hadd jahdem bil-pont kont inwaqqfu immedjatament u jekk hemm bzonn incempel lill-awtorita.*"

Hu zied jghid hekk: "*Wara l-incident mort fuq il-post ghax cempilli Anthony Muscat u fil-fehma tieghi fejn gara l-incident seta' jintrama scaffolding jew ahjar cherry picker.*"

**Joseph Giuliano** kien qallu li hu kien ilu jahdem mal-FTS ghal madwar xharejn u li xogholu kien fuq is-sit u li jara li x-xoghol kien qed isir skond il-programm. Dakinhar tal-incident telaq minn fuq is-sit xi- l-10.45am. Spjega li l-pont ma kienx rah armat u ma kien ta l-ebda struzzjoni biex isir il-pont. F'dan il-kaz il-kuntrattur kien qallu li x-xoghol ser jipprova li jsir bl-*scaffolding* u jekk le, juza *cherry picker*. Il-kuntrattur li kien jitkellem mieghu huwa Malti u ghandu kumpanija. Hu qal li kien imur fuq il-post u sar jaf bl-incident ghaliex kien cempillu haddiem ta' kuntrattur iehor ghall-habta ta' 11.45am.

Il-Perit Musumeci kkonkluda illi hu tal-fhema illi l-pont ceda ghaliex il-habel kien ga mittikel kif jirrizulta mir-ritratti. Dan l-incident seta' probbabilment jigi evitat kieku l-habel kien qed izomm ir-ras tat-tavlun mill-estrem tax-xellug ma nqatax, u dan anke jekk osserva Joseph Gili, ix-xoghol mess usar permezz ta' *scaffolding* jew *cherry picker*. L-incident sehh meta l-vittma kien qieghed fuq it-tavlun, minghajr *harness* u l-habel ceda. Huwa qal ukoll li l-vittma ghandu certu kontributorjeta' ghaliex kien involut fl-armar tal-pont u ma kienx liebes *harness* ghalkemm supplita lilu fil-hin tal-incident.

**PS 385 Emanuel Dalli**[41] kien gie mahtur mill-Magistrat Inkwerenti bhala scene of crime photographer. Hu kien acceda fuq il-post u gibed erbgha u ghoxrin (24) ritratt.

**Prof M T Camilleri u Dr S. Ali** [42] kienu wkoll mahtura fl-inkjesta u ghamlu l-awtopsja fuq il-vittma u kkonkludew illi l-kkagunar tal-mewt tieghu kien '*fractured skull and internal haemorrhage due to an accidental fall from a height.*'

**Dr Mario Scerri**[43] kien mahtur fl-inkjesta bhala espert forensiku fjen ikkonkluda illi l-lacerazzjoni deskritta fuq ir-ras kienet kompatibbli ma' blunt trauma u li ma kienx hemm lezjonijiet li dehru suspettuzi jew estranji ghall-waqgha. Il-kawza tal-mewt tal-vittma kienet relatata direttament mall-avveniment trawmatiku.

**Kevin Gauci**[44] xehed nhar il-11 t' April, 2016 fejn qal li hu bhala Ufficjal ghas-Sahha u Sigurta' kien ghassa dakinhar tal-incident izda kienu accedew fuq il-post kollegi tieghu u mhux hu.

**Joseph Gili**[45] xehed nhar il-11 t' April, 2016 fejn spjega illi is-Sur Anthony Muscat bhala- CEO tal-FTS kien qabbdu sabiex ikun *Project Supervisor* bhala *Health and Safety*. Spjega kif kienu jsiru rapporti u gili kienu jmorru fuq il-post darba, darbtejn u anke tlett darbiet f'gimgha. Wara dawn l-ispezzjonijiet kienu jsiru rapporti u darba fil-gimgha kien johrog rapport zgur. Xehed illi jumejn/tlett ijiem qabel l-accident ghamel spezzjoni fuq dik is-sit. Hu spjega li jidhlu fis-sit u jaraw xi jkun hemm bhala nuqqasijiet. Bhala nuqqasijiet l-iktar evidenti kienu l-*scaffoldings* u n-nuqqas ta' lqugh fejn bniedem jista' jaqa mill-gholi. Hu kien jibghat ir-rapporti tieghu lil klijent u cioe' lil FTS u lil kuntratturi. Hu gharaf lill-kuntrattur Christopher Schembri prezenti quddiem l-ewwel qorti. Spjega kif gili ltaqa' ma Schembri fuq is-sit u tah struzzjonijiet sabiex jirranga xi *scaffolding* ecc. F'kull rapport kien ikun hemm rakomandazzjonijiet

[41] Fol. 275 et seq tal-process.
[42] Fol. 294 et seq tal-process.
[43] Fol. 299 et seq tal-process.
[44] Fol. 336 et seq tal-process.
[45] Fol. 338 et seq tal-process.

ghan-nuqqasijiet li kien ikun hemm per ezempju l-*iscaffolding* qatt ma kien ikun iccertifikat, it-turgien rari kienu maghluqin *b'hand rails*. Elabora li jekk l-*scaffolding* ikun certifikat ma jkollox bzonn harness.

Is-Sur Gili[46] rega' xehed nhar l-24 t' April, 2017 fejn qal li hu kien jikkomunika mal-*project manager* Pippo Giuliano u dan tal-ahhar jikkomunika mal-appellant. Jghid li kien ikkomunika certu rapporti b'email lis-Sur Schembri nnifsu minhabba nuqqasijiet evidenti li kienu jaraw fuq is-sit. Mistoqsi kellux li obbligu jinforma lill-appellant, hu spjega illi bhala obbligu huma jistaqsu min huma l-kuntratturi fuq is-sit. Hu f'dan il-kaz staqsa lill-FTS, lis-Sur Anthony Muscat li kien COO u lil Pippo Giuliano li kien *Project Manager* li jkun dejjem fuq is-sit. Dan kien qalilhom li l-*plastering* jaqa' taht *World Plastering.*

Nhar it-8 ta' Gunju, 2017 is-Sur Gili[47] rega' xehed fejn prezenta r-ritratti ikbar u bil-kulur.

**Perit Victorio Bonavia**[48] xehed nhar il-11 t' April, 2016 u qal li nhar l-1 t' Awwissu hu kien impjegat bhala perit ghall-iskejjel t'ghada. Meta sar l-incident hu ma kienx fuq il-post izda imghad mar u ra lill-vittma fl-art u kienu diga waslu tal-ambulanza. Ma genb il-vittma kien hemm fallaka mil-art u hbula. Jiftakar li wiehed mill-hbula kien tqatta'. Jghid li kien hemm imqabbad *site supervisor* sabiex josserva x-xoghlijiet. Dan kien jirraporta lilu bhala xoghlijiet. Bhala *project supervisor* ai fini ta' *health and safety* kien hemm is-Sur Gili. Jghid li dan tal-ahhar kien jaghmel rapporti izda ma jafx kienx jibghathom lilu dirett jew lis-CEO tal-FTS. Hu gharaf lill-appellant quddiem l-ewwel qorti u qal li jaf li dan kellu kumpanija bl-isem *World Plastering*.

[46] Fol. 485 et seq tal-process.
[47] Fol. 498 et seq tal-process.
[48] Fol. 427 et seq tal-process.

In kontro-ezami hu qal li mar iktar minn ghaxar darbiet fuq is-sit. Jghid li ma jiftakarx rax ir-rapporti tas-Sur Gili. Hu kkonferma li s-*supervisor* li kien jirraporta lilu kienu certu Joseph Giuliano.

**PS 950 Alan Buhagiar**[49] xehed nhar it-23 ta' Mejju, 2016 fejn qal illi nhar l-1 t' Awwissu, 2014 ghal habta ta' 12.00 kienu gew infurmati mill-Control Room li fl-iskola Ta' Paris maghrufa bhala l-Kullegg Santa Theresa kien waqa' persuna. Hu flimkien max-xufier mar fuq il-post fejn irrizulta li l-persuna kien ta' nazzjonalita barranija kien qed jiksi fuq tavlun u aktarx qata' wiehed mill-hbula tat-tavlun u waqa' minn madwar tlett (3) sulari. Hemm sabu wkoll l-ambulanza li kienet immexija mill-infermiera Pia Gauci fejn hadet il-vittma l-isptar. Kienu gew ikkuntatjati tal-*Health and Safety* li wkoll irrikorrew fuq il-post. Jghid li hu hejja r-rapport u jikkonferma li wasal fuq il-post, ra t-tavlun b'habel wiehed izomm, il-persuna fl-art, gew tal-ambulanza u abbewh.

**Joseph Giuliano**[50] xehed nhar is-7 ta' Novembru, 2016 fejn qal li hu kien ghadu kemm beda jahdem mal-FTS, kien jikkowordina mal-kuntratturi, li jara li x-xoghlijiet li hemm assenjati ghalihom isiru u li x-xoghol isir sew. Hu gharaf lill-appellant quddiem l-ewwel qorti u identifikah bhala kuntrattur li kien inkarigat miz-zebgha u l-kisi, kemm ta' barra kif ukoll ta' gewwa. Jghid li l-incident kien sehh f' 2014, fl-iskola Borg Braret B'Kara.

**Sonya Ekesi**[51] xehedet nhar it-2 ta' Lulju, 2018 fejn prezentat certifikat tal-mewt tal-vittma fejn juri d-data tal-mewt u cioe' l-1 t'Awwissu, 2014 u l-kawza tal-mewt.

**Michael Sant**[52] xehed nhar l-1 ta' Lulju, 2019 mitlub sabiex jipprezenta *occupational health and safety declaration waiver and indemnity*, huwa ghamel dan u din tinsab a fol.

[49] Fol. 435 et seq tal-process.
[50] Fol. 461 et seq tal-process.
[51] Fol. 567 et seq tal-process.
[52] Fol. 602 et seq tal-process.

604 tal-process. Dan id-dokument gie tradott ghal-lingwa Maltija minn **Dr Yanika Bugeja.**[53]

**Nicholas Aquilina**[54] xehed nhar it-22 ta' Novembru, 2021 in rapprezentanza tad-Dipartiment tal-Kuntratti fejn qal li huma ma kellhomx x'jaqsmu ma dan it-tender ghax ma kienx jaqbez it-*treshold*.

**Franklin Calleja**[55] xehed nhar it-22 ta' Novembru, 2021 fejn prezenta formalment l-esebit li jikkonsisti minn xkora tal-plastik blu kontenenti habel ohxon u envelop kannella, li fih zewg cellulari.

**L-Ufficjal tal-Probation Sharlet Fabri**[56] irrapurtat illi l-appellant ghandu hajja stabbli, xoghol u familja. Fil-passat kellu problema tad-droga, izda kien ilu sbatax (17)-il sena clean u t-testijiet tal-awrina rrizultaw fin-negattiv. Kien hemm xi zmien li kien jiehu xi medicina relatata mas-sahha mentali tieghu, pero ghal numru ta' snin ma kellux bzonnhom. Huwa bniedem illiterat u ammetta li ma kienx jara l-emails fil-passat, izda issa sar joqghod attent u jarahom man-nies.

**Al Shekh Mohammad Ramadan**[57] xehed nhar id-9 t' Ottubru, 2023 fejn ikkonferma li hu kien diga xehed dwar l-incident li sehh fl-2014. Ikkonferma li hu kien habib mal-vittma. Spjega kif kienu cemplu lil xulxin u mar hdejh sabiex jarah. Hu ma kellu x'jaqsam xejn mal-post tax-xoghol. Jghid li kien hemm *harness* fil-*penthouse*, fl-ahhar sular izda l-vittma ma kienx libsu. Kull ma ried Ibrahim jinzel qisu distanza ta' zewg metri fejn hemm it-tieqa sabiex jidhol il-gewwa u ghalhekk ma libsux il-harness. Ikkonferma li kienet decizjoni t' Ibrahim sabiex ma jilbisx il-*harness*.

[53] Fol. 611 et seq tal-process.
[54] Fol. 648 et seq tal-process.
[55] Fol. 651 et seq tal-process.
[56] Fol. 687 et seq tal-process.
[57] Fol. 740 et seq tal-process.

Ikkunsidrat,

Illi **l-ewwel aggravju tal-appellant**, kif diga' gie ritenut, jirrigwardja l-apprezzament zbaljat tal-provi prodotti u punt **A1** jirrigwardja l-principji generali tal-ligi li din il-Qorti diga' fethet fuqhom *supra*. Mhux l-ewwel darba li din il-Qorti giet rinfaccata b'verzjonijiet kunflingenti, madankollu, filwaqt illi huwa minnu li kull dubbju ghandu jmur favur l-akkuzat, mhux kull kunflitt iwassal ghal-liberazzjoni tal-akkuzat. Il-prosekuzzjoni trid tressaq il-kaz taghha sal-grad ta 'l hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Ghalhekk din il-Qorti sejra tichad din il-parti tal-aggravju mmarkat bhala A1 hekk kif quddiema mressaq.

Fl-aggravju mmarkat bhala **A2a**, l-appellant isostni illi ma hemm ebda prova li l-vittma kien imhaddem mill-appellant jew mis-socjeta' *World Plastering Ltd*, izda hemm provi li juru mod iehor, liema provi naqset milli tikkunsidra l-ewwel qorti. Isostni illi l-ewwel qorti ma kellhies tirraguna '*by elimination*' ghaliex kien hemm nuqqas ta' provi fil-konfront taz-zewg imputati l-ohrajn, mela awtomatikament il-vittma kien impjegat mill-appellant.

Illi ma hemmx dubbju illi t-tender ghat-tikhil u tibjid tal-iskola Borg Braret B'Kara kien hareg favur *World Plastering Ltd*, socjeta' li l-appellant huwa direttur taghha. Madankollu in-ness bejn l-appellant u l-vittma, jidher li hu nieqas u dan kif jirrizulta mill-provi ammissibbli fil-process. Joseph Saliba ghan-nom tal-ETC pprezenta *employment history* tal-appellant, izda ma rrizultalu xejn fir-rigward tal-vittma. Anthony Muscat fil-kariga li kellu ta' COO tal-FTS jghid li x-xoghol fuq il-progett kien tlesta kemm mill-appellant u anke kuntratturi ohra. Il-Perit Bonavia fl-inkjesta kien qal li l-kuntratturi tal-Plastering kienu *World Plastering* izda dawn skond it-tender **setghu jinkarigaw *sub-contractors***[58]. Ix-xhud Al Shekh Mohammad Ramadan qal li l-*foreman* tal-vittma kien certu Hussein. Joseph Gili fl-inkjesta xehed illi fir-rigward ta' *plastering* kien ikellem *lis-subcontractor* Sirjan li kien qallu li jismu Hussein.

[58] Enfazi ta din l Onorabbli Qorti

Ghaldaqstant, minkejja li l-appellant kien il-kuntrattur li kien moghti it-tender, ma jirrizulta l-ebda ness u ma tirrizulta l-ebda prova li torbot lill-vittma mal-appellant.

Madankollu, dan ma jfissirx li l-appellant ma kien bl-ebda mod responsabbli fir-rigward tal-vittma. L-appellant infatti, fost akkuzi ohra, gie misjub hati tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu. It-tieni mputazzjoni tirrigwardja l-ksur tal-Artikoli 6(1)(2) tal-Kap 424 tal-Ligijiet ta' Malta u li jipprovdi hekk:

> *'6. (1) Min iħaddem għandu dejjem jiżgura is-saħħa u s-sigurtà* ***<u>tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir</u>*** *għal dik il-persuna li tħaddem:*
>
> *<u>Iżda meta fit-twettiq ta' dak hawn aktar qabel imsemmi, min iħaddem jagħmel użu minn servizzi jew persuni kompetenti minn barra, min iħaddem ma jkunx meħlus mid-dmirijiet applikabbli li joħorġu minn dan l-Att u mir-regolamenti magħmulin taħt dan l-Att:</u>*
>
> *Iżda wkoll l-obbligi tal-ħaddiema fil-qasam tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-postijiet tax-xogħol ma għandhomx jaffettwaw il-prinċipju tar-responsabbiltà ta' min iħaddem.*
>
> *(2) Il-miżuri li għandhom jittieħdu minn min iħaddem biex jevita dannu fiżiku u psikoloġiku, korriment jew mewt, fuq il-postijiet tax-xogħol, għandhom jittieħdu fuq il-bażi ta' dawn il-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni li ġejjin, jiġifieri –*
>
> *(a) li jiġi evitat riskju;*
> *(b) l-identifikazzjoni ta' perikli assoċjati max-xogħol;*
> *(ċ) l-evalwazzjoni ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;*
> *(d) il-kontroll mill-bidu ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;*

*(e) li jittieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jirriduċu r-riskju kemm ikun raġonevolment prattiku, inkluż li jitbiddel dak li huwa perikoluż b'dak li ma jkunx perikoluż jew li jkun anqas perikoluż;*

*(f) billi tingħata prijorità lill-miżuri ta' protezzjoni kollettivi fuq miżuri ta' protezzjoni individwali;*

*(g) li jiġi adattat ix-xogħol għall-ħaddiem, partikolarment għal dak li għandu x'jaqsam mal-iddisinjar ta' postijiet tax-xogħol, l-għażla ta' tagħmir tax-xogħol u l-għażla ta' metodi ta' produzzjoni u ta' xogħol, u partikolarment sabiex jiġi mnaqqas xogħol monotonu u xogħol li jkollu rata ta' xogħol stabbilita minn qabel, u biex jitnaqqas l-effett tagħhom fuq is-saħħa;*

*(ħ) billi wieħed jaddatta ruħu għall-progress tekniku fl-interess tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol; u*

*(i) billi tiġi żviluppata policy ta' prevenzjoni globali u loġika li tkopri it-teknoloġija, l-organizzazzjoni ta' xogħol, il-kundizzjonijiet ta' xogħol, ir-relazzjonijiet soċjali u l-influwenza ta' fatturi li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent tal-post tax-xogħol.'*

In oltre, l-Artikolu 10(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 424.18 jipprovdi s-segwenti:

*'10.(1) Għandu jkun id-dmir ta' kull prinċipal u ta' kull persunali taħdem għal rasha li tagħmel, jew li tiżgura li ssir, evalwazzjoni xierqa, suffiċjenti u sistematika tal-perikli għas-saħħa u s-sigurtà kollha li jistgħu ikunu preżenti fuq il-post tax-xogħol u r-riskji li jirriżultaw li jikkonċernaw l-aspetti kollha tal-attività tax-xogħol.Dawn l-evalwazzjonijiet għandhom jikkunsidraw ir-riskji għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema u ta' persuni li jaħdmu għal rashom li għalihom ikunu esposti waqt ix-xogħol,* ***<u>kif ukoll ir-riskji għas-saħħa u s-sigurtà ta' persuni oħrajn, inklużi dawk li jżuru l-post tax-xogħol</u>****, liema riskji jirriżultaw mix-xogħol imwettaq, jew inkonnessjoni miegħu, jew mit-tmexxija tal-impriża:*

*Iżda meta jsiru dawn l-evalwazzjonijiet, prinċipal u persuna li taħdem għal rasha għandhom jikkunsidraw ukoll bidliet fl-attivitajiettax-xogħol imwettaq fil-post tax-xogħol, u għandhom jieħdu azzjoni xierqa.'*

Ghaldaqstant, kif jirrizulta b'mod car mid-dicitura sucitata li hija pjuttost wiesa', l-appellant xorta wahda ghandu jinstab hati tat-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjonijiet. Dan ghaliex minkejja li l-vittma ma jirrizultax li kien haddiem tieghu, huwa xorta ried jiehu l-azzjonijiet kollha mehtiega sabiex ihares is-sahha u s-sigurta' tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir (Artikolu 6 tal-Kap. 424 tal-Ligijiet ta' Malta), kif ukoll ir-riskji għas-saħħa u s-sigurtà ta' persuni oħrajn, inklużi dawk li jżuru l-post tax-xogħol (Artikolu 10 ta' L.S. 424.18).[59]

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Angelus Bartolo u Omissis**[60] fejn gie ritenut is-segwenti:

*'Illi l-artikolu 6 tal-Kap. 424 jindika x'mizuri ghandhom jittiehdu biex jigu evitati danni fizici w psikologici, korrimenti jew mewt fuq il-postijiet tax-xoghol li huma bazati fuq il-principji generali ta' prevenzjoni. Fost dawn insibu: - li jigi evitat kull riskju; l-identifikazzjoni ta' perikoli assocjati max-xoghol; l-evalwazzjoni ta' dawk ir-riskji li ma jistghux jigu evitati; l-kontroll mill-bidu ta' dawk ir-riskji li ma jistghux jigu evitati w li jittiehdu l-mizuri necessarji kollha biex jirriducu r-riskji kemm ikun ragonevolment prattiku, inkluz li jitbiddel dak li huwa perikoluz, b' dak li ma jkunx perikoluz jew li jkun anqas perikoluz.*

*Illi l-Qrati Inglizi investew il-kwistjoni ta' x' mizuri ta' prekawzjoni jridu jittiehdu taht il-Factories Act (li ghandu xi dispozizzjonijiet*

[59] Ara **Il-Pulizija vs Gordon Bonavia** deciza minn din il-Qorti kif diversament ippreseduta nhar l-14 ta' Frar, 2008.
[60] Deciza minn din il-Qorti kif diversament ippreseduta nhar il-11 ta' Jannar, 2007.

*simili ghall-Kap.424) li jkunu "reasonably practicable" u gie ritenut li din il-frazi "seems to imply that a computation must be made by the owner, in which the quantum of risk is placed on one scale and the sacrifice involved in the measures necessary for averting the risk (whether in money, time or trouble) is placed in the other and that if it be shown that there is a gross disproportion between them – the risk being insignificant in relation to the sacrifice – the defendants discharge the onus on them. The onus of proving that it is not reasonable practical to provide a safety measure is on the person on whom the duty is imposed." "**Walter,Wilson &. Son v.Summerfield" [1956] 1W.L.R.1429). F' "Gibson v. British Insulated Calender's Construction Co. Ltd [1973] S.L.T. 2 (H.L.)** gie ritenut li "it is now firmly established that the burden of proof to establish that he had taken all reasonable practicable steps rests on the employer to discharge." (Ara **CHARLESWORTH "ON NEGLIGENCE"** 6th. edit. pp.1152-1153). [emfazi ta-Qorti]'*

Madankollu, fil-fhema ta' din il-Qorti mhux l-istess jista' jinghad fir-rigward tar-raba' (4) u l-hames (5) imputazzjonijiet fejn l-appellant qieghed jigi akkuzat bil-ksur tal-Artikoli 12 u 14 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 424. 18. Artikolu 12 jirrigwardja d-dmir ta' prinċipal li jagħti informazzjoni li tinftiehem u relevanti lill-ħaddiema u lir-rappreżentanti tagħhom u Artikolu 14 jirrigwardja t-tahrig tal-haddiema u tar-rapprezentanti.

Illi stante li l-Qorti ma rrizultaliex mill-provi prodotti li l-vittma kien fil-fatt haddiem tal-appellant, mela allura hija ma setghetx issib htija ghal dawn l-imputazzjonijiet. L-istess argument japplika ghad-disa' (9) u l-hmistax (15) -il imputazzjoni. Id-disa' (9) imputazzjoni tirrigwardja rekwiżiti minimi għall-użu ta' tagħmir protettiv personali fuq ix-xoghol filwaqt l-imputazzjoni numru hmistax (15) hija dwar l-fatt li bhala persuna li thaddem in-nies maghha naqas milli jipprovdi kaxxa u facilitajiet ghall-ewwel ghajnuna. Ghaldaqstant, a skans ta' hafna repetizzjoni, din il-Qorti hija tal-fhema li stante li ma jirrizultax li hemm ness bejn il-vittma u l-appellant, dan tal-ahhar

kellu ma jinstabx hati ghar-raba', il-hames, id-disa' u l-hmistax-il akkuza filwaqt li kellu jinstab hati fir-rigward tat-tieni u t-tielet akkuzi fil-konfront tieghu.

Permezz tal-aggravju mmarkat **A2b**, l-akkuzat qieghed isostni illi ma kien hemm l-ebda negligenza da parti tieghu u dan stante li hu qatt ma gie nfurmat qabel l-incident b'xi nuqqas da parti tieghu li setgha kellu konnessjoni mal-istess incident. Illi minghajr telf ta'zmien din il-Qorti tghid li dan mhux minnu u sahansitra inveritier u dan jirrizulta mill-emails esebiti mix-xhud Joseph Gili u li l-appellant gie kkupjat fihom. Illi ssir referenza wkoll ghal dak li xehedet il-*probation officer* Sharlet Fabri u cioe' li kien l-appellant stess li qalilha li ma kienx jara l-emails u li fil-prezent kien qed jarahom bl-assistenza ta' xi nies. Di piu' huwa mistenni minn kuntrattur li jkun proattiv u mhux reattiv, **kif qal tajjeb l-Avukat Generali fir-risposta tieghu. Il-ligi tpoggi l-oneru fuqu li jiehu dawk il-mizuri necessarji ta' sigurta' u prevenzjoni minn kull ghawg**.[61]

L-appellant isemmi wkoll dwar il-fatt li vittma kien gie pprovdut b'harness izda hu ddecieda li ma jilbisiex u ghalhekk ghandu certu kontributorjeta'.

F'dan il-punt il-Qorti tixtieq telabora wkoll fuq il-kuncett tal-***contributory negligence***. Din il-Qorti jehtieg li tistharreg ukoll jekk setghetx il-vittma stess tikkontribwixxi ghall-fatalita' taghha u j**ekk tali kontribut kienx tant b'sahhtu li jannulla kwalsiasi forma ta' kolpevolezza tal-appellant** jew inkella kienx fi grad tali li n-ness bejn l-accident in kwistjoni u l-ommisjoni tal-appellant ma jkunx jista' jigi hekk imxejjen. Huwa pacifiku illi din it-tip ta' negligenza ma tezonerax lill-appellant mir-responsabilita' penali taht l-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali jekk din in-negligenza ma tkunx il-**kawza unika** [62]tal-accident in kwistjoni.

[61] Ara **Il-Pulizija vs Joseph Cortis** deciza minn din il-Qorti kif diversament ippreseduta nhar it-18 ta' Frar, 2020.
[62] Enfazi ta din l-Onorabbli Qorti

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Lorenza Dimech**:[63] kien gie ritenut hekk:

> *'Il-"contributory negligence" ma tezonerax li dak li jkun mir-responsabilta' kriminali jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru. (App. Krim. Pul. vs. P. Vassallo ; Kollez. Vol. XXXVIII , p. 883 u ohrajn.) F'sede Kriminali kull hadd iwiegeb ghall-agir tieghu , ammenoche' dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament ghal htijiet da parti ta' terzi . (App. Krim.:* ***Pul. vs. Gaetano Schembri , 16.3.61 ; Pul. vs. John Polidano , 3.11.63; Pul. vs. Rev. C. Mifsud , Kollez. Vol. XXXVII , p.1131 u ohrajn****)'*

Di piu', fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Formosa**[64] gie ritenut hekk:

> *'Din il-Qorti ezaminat bl-akbar reqqa l-process kollu, izda semplicement ma tistax taqbel ma l-appellant. Kif inhu risaput, in tema ta' responsabbilta` kontributorja, il-fatt li haddiehor (f'dan il-kaz il-vittma stess) ikun ukoll negligenti ma jgibx fix-xejn ir-responsabbilta` tal-appellant, basta, naturalment, li* ***jkun hemm effettivament negligenza da parti ta' l-appellant u li din in-negligenza kienet kawza efficjenti, ghall-anqas in parti, tal-mewt kagunata*** *(ara, fost ohrajn,* ***Il-Pulizija v. Alexander Azzopardi App. Krim. 26 ta' Frar 2001****).'*

Dan il-punt gie elaborat f'sentenza iktar ricenti minn dawk sucitati u cioe' dik fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Dorianne Camilleri.**[65] Dan il-kaz kien jikkoncerna incident stradali, madankollu l-pronunciment tal-Qorti xorta wahda japplika ghall-kaz odjern:

> *"Ibda biex ......, "driver ghandu juza d-diligenza kollha biex jevita pedestrian li jaqsam it-triq, anki jekk il-pedestrian jaqsam*

[63] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' Gunju, 2022.
[64] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-11 ta' Mejju, 2005.
[65] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Frar 2018.

*negligentement u ghalhekk ghandu jigi ritenut responsabbli jekk ikun naqas minn xi dmir tieghu b' mod li jkun pogga ruhu f' pozizzjoni li ma setax jevita l-investiment tal-pedestrian. Il-kaz li fih driver jista' jkun ezentat mir-responsabbilita' hu dak biss fejn il-pedestrian b' xi att inaspettat u subitaneu jew xort' ohra b' xi ghemil tieghu ikun qieghed lid-driver f' pozizzjoni li anki bl-uzu tad-diligenza mehtiega dan ma setax assolutament jevita l-investiment."(***App. Krim. "Il-Pulizija vs. DPC 347 Carmel Mifsud" [26.6.1954] Kollez. Vol. XXXVIII, p.iv. p.859)***

*Mill-banda l-ohra gie ukoll ritenut li:- "Il-pedestrian ghandu certament drittijiet fic-cirkolazzjoni tat-traffiku imma ghandu ukoll l-obbligi. Jekk il-pedestrian ikun qieghed ruhu f' post fejn mhux suppost ikun, u driver li jkun qed isuq karozza b' mod regolari jsib ruhu f' pozizzjoini ta' emergenza subitanea minnhabba fih, dak id-driver ma ghandux jigi ritenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri dak il-pedestrian ." (App.Krim. "**Il-Pulizija vs. Alfred Caruana" [14.5.1955]; Kollez.Vol. XXXIX, p.iv p.1031**). F' sentenzi ohra mbaghad gew elaborati sitwazzjonijiet fejn din l-emergenza subitanea tavverra ruha ; eg. "meta jaqsam f' daqqa u jissorprendi lill-konducent, jew jaghmel xi moviment insolitu u inaspettat" (**App. Krim. "Il-Pulizija vs. J. Thornton" Kollezz. Vol. XLV p.iv. p.920**) jew meta pedestrian jinzel inaspettatament minn fuq il-bankina, jew li jaqsam jew jitfaccja ghall-gharrieda minn wara xi car iehor, jew li johrog minn xi kurva fit-triq, jew li jitfaccja ghall-gharrieda u inaspettatament quddiem il-karozza. (**App. Krim. "Il-Pulizija vs. Cassar Desain" Kollez. Vol.XLVI . p.iv. p.765)***"

*Il-Qorti ghaddiet ukoll biex elenkat liema huma dawk is-sitwazzjonijiet fejn sewwieq jezimi ruhu minn kull responsabbilta ghall-investiment ta' pedestrian. Il-Qorti kompliet: "Il-Corte di Cassazione Taljana, meta inkassat sentenza tal-Corte d' Appello di Bologna stabbiliet li f' kazijiet*

*ta' investiment ta' pedestrian jista' tirrizulta it-tort esklussiv tal-pedestrian meta jikkonkorru is-segwenti kondizzjonijiet:*

a) ***"che il-conducente, per motivi estranei a ogni suo obbligo di diligenza, sia venuto a trovarsi nella oggettiva impossibilita' di avvistare il pedone e di osservarne tempestivamente i movimenti;***
b) ***che i movimenti del pedone siano cosi' rapidi e inattesi da farlo convergere all' improvviso sulla traiettoria del veicolo;***
c) ***che nessuna infrazione delle norme di circolazione o di comune prudenza sia riscontrabile nel comportamento del conducente."***

***.....***

***ghandu johrog illi sabiex is-sewwieq ikun ezentat minn kwalunkwe responsabbilta ghall-investiment ta' persuna, irid ikun hemm prova cara ta'l hekk imsejjha 'emergenza subitanea' li tinholoq mill-pedestrian meta jiddeciedi li jaqsam it-triq, emergenza li tpoggi lis-sewwieq f'posizzjoni li la jista' jipprevedi dan is-sinistru u lanqas jista' jipprevjenieh. <u>U allura hawn fejn jidhol il-grad tal-culpa tas-sewwieq ghal event dannuz u jekk allura jistax jigi ezentat mir-responsabbilta</u>: "In succint fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, t-trepod tal-kolpa gie definit bhala: 1. la volontarieta dell'atto; 2. la mancata previsione dell'effetto nocivo; u 3. la possibilita di prevedere. <u>Bhala konkluzzjoni tad-definizzjoni li din il-Qorti trid taghti lit-terminologija culpa, ghalhekk jibqa' dejjem li l-element taghha huwa volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi. Jekk l-effetti dannuzi ma kienux prevedibbli, hlief b'diligenza straordinarja li l-ligi ma tesigix u li semmai tista' ggib culpa levissima li ma hiex inkriminabbli, ma hemmx htija.</u> (vide Il-Pulizija vs John Vella***

***deciza nhar il-15 ta' Dicembru 1958 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali)"***

*Din is-sentenza tistrieh fuq l-insenjament ta' zewg guristi tad-dritt penali fejn il-gurist* ***Francesco Carrara*** *jghid hekk dwar il-culpa, "… il tripode sul quale si aside la colpa sara` sempre questo - 1° volontarieta` dell'atto - 2° mancata previsione dell'effetto nocivo - 3° possibilita` di prevedere." Bl-istess mod,* ***il-Professur Anthony J. Mamo****, fin-noti tieghu, jghid hekk: "<u>In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen. The agent who caused the event complained of, did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable</u>".*

*L-****Antolisei****, <u>izda jimxi pass 'il quddiem mill-insenjament tal-Carrara u t-tejorija tal-prevedibbilita ta'l-azzjoni meta iqies illi tirrizulta il-kolpa meta jkun hemm in-nuqqas ta'l-osservanza tar-regoli tal-komportament, anki jekk l-event dannuz ma kienx wiehed prevedibbli u dan billi l-osservanza ta' dawn ir-regoli iwassal sabiex l-event dannuz ma isehhx</u>: "Si tratta di regole di condotta volte a prevenire determinati accadimenti; tali regole possono essere sociali (negligenza imprudenza o imperizia) oppure giuridiche (regolamenti, ordini discipline). Quindi occorrono due requisiti: a) la violazione di una regola; b) che l'evento provocato sia esattamente quello che la norma voleva evitare. In definitiva il giudizio di rimprovero è un rimprovero per leggerezza, perché il soggetto non è stato cauto e diligente come doveva."*

*Awturi ohra bhal* ***Mantovani u il-Padovani*** *jabbinaw din ir-regola ta'lAntolisei mar-regoli tal-prevedibbilita u l-inevitabbilita' biex b'hekk il-culpa fil-fehma taghhom tinkwadra ruhha f'erba elementi: 1. un*

*requisito oggettivo consistente nella violazione di una regola di condotta; 2. un requisito soggettivo, cioè la capacità di osservare tale regola; 3. l'evitabilità dell'evento mediante l'osservanza di tale regola; 4. la prevedibilità ed evitabilità, cioè che il soggetto avesse la capacità o la possibilità di tenere un comportamento diverso.*

***Dak illi ghandu jigi stabbilit kwindi huwa jekk l-event kienx wiehed fortwit, jew jekk kienx hemm sitwazzjoni ta' emergenza subitanea, tant ghalhekk illi l-event dannuz ma seta' qatt jigi evitat anke jekk bl-ezercizzju gholi ta' diligenza u bl-osservanza tar-regoli kollha tal-imgieba xierqa fit-triq. Sitwazzjoni bhal din certament teskludi kull forma ta' negligenza, imprudenza, traskuragini jew non-osservanza tar-regoli ta' komportament mistennija, fit-termini ta' dak li ifassal l-Antolisei sabiex jistabilixxi l-kolpa."***

In oltre, dis-sentenza ndikata *supra* fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Angelus Bartolo u Omissis**, inghad is-segwenti:

*Fis-sistema penali taghna, il-**contributory negligence** tat-terz ma tezonerax lill-akkuzat mir-responsabbilta' kriminali sakemm ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru **"Il-Pulizija vs. P.Vassallo**." (App. Krim. Vol. XXXVIII,iv.p.883) Kif jghid O.C. **MAZENGARB** fil-monografija tieghu "**Negligence on the Highway**" (Butterworth's Edit.1962 p.327), citat b' approvazzjoni fl-Appell "**Camilleri vs.Cutajar**" [9.12.1968] "If the defendant's conduct is itself negligent, he will not be heard to say that his negligence would not have resulted in damage unless somebody else had also been negligent. So long as the damage complained of is the natural and direct outcome of the original negligence, the wrongful interference of another will not relieve the defendant from responsibility."*

L-aggravju mmarkat **<u>A2c</u>** tal-appellant jirrigwardja l-ewwel imputazzjoni u cioe' l-akkuza ta' qtil involontarju ai termini tal-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali, li jipprovdi hekk:

> *'225. (1) Kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, jikkaġuna l-mewt ta' xi ħadd, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn erba' snin jew multa mhux iżjed minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87).'*

Illi l-Liġi tikkontempla sitwazzjoni fejn persuna tkun aġixxiet b'mod **negliġenti** u bħala **konsegwenza diretta** ta' dan l-għemil negliġenti ikun ġie **kkawżat event dannuż lil terzi persuni** liema event dannuż kien **prevedibbli għalkemm mhux previst**. L-elementi li jsawu dan ir-reat kienu elaborati fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Perit Louis Portelli</u>**[66] fejn inghad hekk:

> *'Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-art. 239 [illum 225] tal-Kodici Penali illi tirrikorri* ***kondotta volontarja negligenti – konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb ("imprudenza"), traskuragni ("negligenza"), jew nuqqas ta' hila ("imperizia") fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikatament f'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti – li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju.'***

Ghalhekk il-mistoqsija li trid issir hija jekk kienx hemm ness ta' kawza u effett, minn dak li ghamel jew m'ghamilx l-appellant ghal dak li wassal ghall-mewt tragiku tal-vittma. Setgha l-appellanti bl-agir tieghu jipprevi dan kollu milli jsir? It-twegiba hija definittivament fl-affermattiv. Dan ghaliex l-appellant naqas milli jiehu l-azzjonijiet necessarji meta gew ikkomunikati lilu minn Joseph Gili n-nuqqasijiet kollha li kien hemm prezenti fuq is-sit. Illi anke ghas-sahha tal-argument jekk ikun hemm sub-

[66] Deciz minn din il-Qorti kif diversament ippreseduta nhar l-4 ta' Frar, 1961.

kuntratturi nvoluti, dan ma jfissirx li r-responsabbilta' tigi trassferita fuqhom u hu jinheles minn kull tip ta' responsabbilta'. Illi kieku l-appellant mexa mar-rakomandazzjonijiet ta' Joseph Gili u l-*scaffolding* kien iccertifikat kif suppost; kien hemm ilqugh u *railings* skont il-ligi. hemm cans kbir li dan l-incident li wassal ghal mewt ta' bniedem seta' jigi evitat ghal kollox. Ghaldaqstant in vista tas-suespost, din il-Qorti ser tkun qed tilqa' l-ewwel aggravju in parte u cioe':

a. tichad il-parti mmarkata bhala A1;
b. tilqa' in parte l-aggravju mmarkat bhala A2a u dan billi tikkonferma illi mill-atti ma jirrizulta l-ebda ness ta' xoghol (*employer-employee relationship*) bejn l-vittma u l-appellant izda tichad fejn dan tal-ahhar ma kien bl-ebda mod responsabbli ghall-vittma jew tax-xoghol li kien qed jaghmel;
c. tichad il-parti mmarkata bhala A2b; u
d. u tichad ukoll il-parti mmarkata bhala A2c.

**<u>It-tieni aggravju</u>** tal-appellant immarkat bl-ittra **<u>B</u>** jirrigwardja l-piena erogata mill-ewwel Qorti. Illi fil-kaz odjern, din il-Qorti temmen illi filwaqt li l-appellant ghandu jinstab hati tal-ewwel (1), it-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjonijiet, m'ghandiex tinstab htija ghar-rigward, ir-raba' (4), il-hames (5), id-disa' (9) u l-hmistax (15) imputazzjoni. Ghaldaqstant din il-Qorti temmen li l-piena ghandha tkun varjata.

Kif imfisser fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Tarquin Vella</u>** moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta, l-ġustifikazzjoni tal-piena fl-ezercizzju tad-Dritt Penali modern hija ppernjata fuq tliet principji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett :

(a) Retributtiv;
(b) Preventiv; u
(c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena

F'sentenza deciza minn din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet **<u>il-Pulizija vs Gilbert Bezzina</u>**[67] din l-istess Qorti enfasizzat is-segwenti:

> *'L-aspett retributtiv tal-piena huwa, skont il-gurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi moralment is-sitwazzjoni ghal kif kienet qabel ma sehhet il-hsara bil-kommissjoni tar-reat. Il-hati jrid jaghmel tajjeb ghall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paci u trankwillita' socjali.*
>
> *L-aspett preventiv tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biza li s-sanzjoni li tkun tista' tinghata tohloq f'mohh il-persuni, b'mod li dak li jkun jerga jahsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem iehor, minabba l-biza li tehel il-piena, persuna tigi mgeghela tixtarr sew il-konsegwenzi t'eghmilha qabel ma twettaq l-att hkriminuż. L-effett preventiv ghalhekk huwa duplici: wiehed ta' natura generali u l-iehor ta' natura specjali.*
>
> *L-effett preventiv generali huwa dak li bis-sahha tal-ligi penali li tistabbilixxi l-piena, l-kollettivita tigi kemm jista' jkun mizmuma milli tikkommetti reati minhabba l-biza li tinkorri fil-piena jekk tinstab hatja. Aktar ma dik il-piena tigi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv generali jkun lahaq il-mira tieghu. L-aspett preventiv specjali huwa dak li japplika ghall-hati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerga jahsibha sew qabel ma jagħzel li jikser il-Ligi. Jekk il-kollettivita titlef din il-biza mill-piena minhabba li l-Ligi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minhabba li l-pieni ma jigux applikati bir-rigorosita dovuta ghall-fattispecie tal-kaz, allura ma jkun hemm xejn li jgiegħel lill-kollettivita milli tiddezisti ghax jekk tiddelinkwi minghajr konsegwenza jew b'konsegwenza zghira, isir konvenjenti ghall-*

[67] Deciza nhar is-16 t' Ottubru 2020

*kollettivita' li tiddelinkwi. Dan iwassal ghal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti ghall-interessi tal-istess kollettivita'. Il-kollettivita' allura tehtieg li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaci mehtieg ghall-ezistenza pacifika tal-istess kollettivita. Altrimenti, il-kollass.*

*Finalment hemm l-aspett riedukattiv u rijabilitattiv tal-piena, li tikkoncentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-htija specifika tal-hati u li ghaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-hati li hu proprju dak li jikkoncerna lil din il-Qorti specjalmet fil-kaz ta' reati kommessi minn teenagers kif inhu dan il-kaz. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa krucjali ghall-kollettivita in kwantu jghin lill-hati jghaddi minn process ta' riforma tieghu innifsu biex jghinu jinqata' mir-ragunijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jaghraf iqum fuq saqajh, billi jibni hajtu mill-gdid u ma jibqax aktar ta' theddida ghas-socjeta' bhal meta kien filmument meta jkun iddelinkwa.*

*F'dan il-kuntest il-piena ghandu jkollha effetti riedukattivi u korrezzjonali fuq il-hati. Izda aktar minn hekk il-hati ghandu jkollu dawk l-istrutturi mahsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan il-perkors rijabilittativ u jigi mghejjun itejjeb l-imgieba tieghu b'mod li ghalhekk ikun jista' jerga jigi reintegrat fis-socjeta, billi jigi riedukat, imħeggeg jizviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tieghu, inkoraggit jahdem biex ikollu biex jerga jibni hajtu, jkollu biex jghix dicenti, ma jkollux ghalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn ghad-danni li jkun ikkawza b'eghmilu. F'dan is-sens allura Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, ghalkemm ghandha effikacja repressiva.'*

Il-gurisprudenza prevalenti, tghallem li meta Qorti tigi biex terroga piena trid tiehu kont tac-**cirkostanzi kollha li jsawru l-kaz, jigifieri dawk tal-vittma, l-interessi tal-**

**komunita' kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-hati.**[68] F'dan is-sens, kemm il-gurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliza tistabbilixxi li fl-eżercizzju ta' revizjoni imholli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistharreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis ic-cirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setghet kienet f'qaghda li tara, kif ukoll, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti.

Illi jrid jinghad illi s-sentenza tal-ewwel qorti kienet wahda li taqa' fil-parametri tal-ligi, u li ma kienitx xi wahda eccessiva meta wiehed jikkunsidra li bhala qorti setghet facilment timponi wkoll sentenza ta' habs kemm effettiiva jew sospiza. Din il-Qorti infatti tghid illi kieku kien hemm appell min-naha tal-Avukat Generali kienet tikkunsidra taghmel dan u cioe' li timponi sentenza ta' habs, stante l-fatt li konsegwenza ta' dan l-incident tilef hajtu zaghzugh. Madankollu, dan huwa appell tal-appellant Christopher Schembri, allura din il-Qorti wara li rat l-atti kollha tal-kaz u hadet in konsiderazzjoni diversi fatturi fosthom *s-social inquiry report* u li l-fatt li mhux ser issib lill-appellant hati tal-akkuzi numru erba' (4), hamsa (5), disa' (9) u hmistax (15), jidhrilha illi ghandha tnaqqas il-piena mposta mill-ewwel qorti minn ghaxart elef euro (€10,000) ghal tmint elef euro (€8,000).

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, din il-Qorti qeghda tilqa' l-ewwel aggravju in parte u cioe':

a. tichad il-parti mmarkata bhala A1;
b. tilqa' in parte l-aggravju mmarkat bhala A2a u dan billi tikkonferma illi mill-atti ma jirrizulta l-ebda ness ta' xoghol (*employer-employee relationship*) bejn l-vittma u l-appellant izda tichad fejn dan tal-ahhar ma kien bl-ebda mod responsabbli ghall-vittma jew tax-xoghol li kien qed jaghmel;
c. tichad il-parti mmarkata bhala A2b; u
d. u tichad ukoll il-parti mmarkata bhala A2c.

[68] Enfazi ta din l Onorabbli Qorti

In oltre, din il-Qorti qeghda tilqa' wkoll it-tieni aggravju tal-appellant u dan stante li ser tkun qeghda tvarja l-piena.

Ghalhekk filwaqt li tikkonferma s-sentenza ta l-ewwel qorti fejn sabet htija fir-rigward tal-ewwel (1), it-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjonijiet kontra l-appellant, tirrevokaha fejn sabitu hati tar- tar-raba' (4), il-hames (5), id-disa' (9) u l-hmistax (15) imputazzjoni u tilliberah minnhom, u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel qorti fejn astjeniet milli tiehu jkonjizzjoni tal-bqija tal-akkuzi, Fir-rigward tal-akkuzi li taghhom sabitu hati qed tikkundannah multa ta' tmient elef euro (€8,000).

In oltre, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, tikkonferma d-decizjoni tal-ewwel qorti minkejja li l-ispejjez kienu iktar fejn imponiet lill-appellant Christopher Schembri jhallas biss l-ammont ta' elf euro (€1,000) rapprezentanti parti mill-ispejjez peritali naxxenti minn din il-kawza.

**Dr Consuelo Scerri Herrera**
**Imhallef**

**Maria Grech**
**Deputat Registratur**